# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 851

Awissu - Settembru 2003


## Qniepen Ġodda għall-Katidral




GOZO CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
DONATED BY AF
8/23
(DATE)
GAD 193501


ICI
Dulux
WORLD of COLOUR
Ta' Ġamri - Għajnsielem, Gozo.
Tel: 2155 1578 Mob: 9942 2341 / 9944 3550
Visit us to see our full range of colours for interior and exterior wood, metal, walls and ceilings.
For decorative tips call our Interior Decorator on 9987 6932

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Qniepen Ġodda għall-Katidral • 12
Żjara tal-Korp ta' Santa Tereżina •15
L-Ajrudrom ta' Għawdex 60 sena ilu •17
Wara l-ġranet tal-festi... Jiġu l-ġranet ferjali•20
Bookmark • 22
Għawdex 300 sena ilu –
Id-Dota ta' Santa Marija • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (19) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (18) • 26
Wirt Gżiritna –
Il-Mużew Parrokkjali tan-Nadur • 30
Xhieda Nisranija : Dun Karm Cachia • 32
Għawdxin li għadna niftakru (7) -
Ġorġ Gerit • 34
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 42



IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 851***
***Awissu - Settembru 2003***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta'Awissu 2003*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
**It-tberik tal-Qniepen Ġodda tal-Katidral t'Għawdex (Ritratti: Max Xuereb)**


EDITORJAL

# Il-Valur imprezzabli tal-Ħajja

*Proprju fil-bidu tax-xahar ta' Ġunju ta' din is-sena, il-Konferenza Episkopali Maltija, iffurmata mill-Isqof Metropolita ta' Malta, flimkien ma' l-Isqof Awżiljarju tiegħu, kif ukoll mill-Isqof ta' Għawdex Nikol Ġ Cauchi, għamlet appell imqanqal għall-ħarsien tal-ħajja u s-saħħa.*

*Huwa fatt li madwarna ta' spiss nisimgħu b' imwiet jew b' aċċidenti, tlett kwarti kkawżati minn diversi fatturi li forsi setgħu ġew evitati bi ftit ta' attenzjoni. Il-ħajja u s-saħħa tant huma prezzjużi u fl-istess ħin delikati, li wieħed għandu dejjem id-dmir sagrosant li jħarishom bl-akbar attenzjoni, dejjem u kullimkien. Dan japplika mhux biss għall-ħajja ta' kull individwu personali, iżda wkoll għal diversi ħajjiet oħrajn li wieħed jista' jkun responsabbli tagħhom, sew b' mod dirett, kif ukoll b' mod indirett.*

*L-Isqfijiet jelenkaw lista ta' ċirkustanzi bħalma huma attentati fuq il-ħajja jew ferimenti minħabba tilwim u ġlied, traġedji u korrimenti serji tat-traffiku minħabba sewqan eżaġerat jew imprudenti, inċidenti fuq il-baħar minħabba mġieba immatura jew irresponsabbli, traġedji jew tbatija b'nar tal-festi u inċidenti fuq ix-xogħol; fost l-oħrajn. Żgur li wieħed jista' jsemmi diversi ċirkustanzi oħra ma' din il-lista, bħalma huma l-isports perikolużi, abbużi fuq is-saħħa tal-ħaddiema fuq il-postijiet tax-xogħol ikkawżati minn stress esaġerat jew ambjenti mhux protetti skond ir-regolamenti tas-sigurtà , tipjip jew tniġġis ta' l-arja f' ambjenti magħluqa ... eċċ.*

*Liż-żgħażagħ sarilhom appell sinċier biex japprezzaw u jżommu quddiem għajnejhom is-sbuħija tal-ħajja u s-saħħa u ma jħallux lilhom infushom jintrebħu mit-tentazzjonijiet ta' abbużi jew perikli.*

*Appell ieħor sar lill-ħaddiema kollha biex jisħqu fuq id-dritt tagħhom għall-protezzjoni u sigurtà fuq il-lant tax-xogħol tagħhom, kif ukoll biex jieħdu l-prekawzjonijiet kollha possibbli, biex kemm jista' jkun jitnaqqsu l-inċidenti fuq il-postijiet minn fejn jaqilgħu il-ħobż tagħhom ta' kuljum, għalihom u għall-familji tagħhom.*

*L-għożża tal-valur tal-ħajja u s-saħħa għandha tkun prijorità ta' kulħadd. Kull wieħed u waħda minna, b' xi mod jew ieħor, għandu jħoss id-dmir li jagħti l-kontribut tiegħu biex kemm jista' jkun il-lista ta' mwiet u korrimenti titnaqqas drastikament.*




***Żjara tal-Prim Ministru lil Mons. Isqof***

Il-Ġimgħa, 6 ta' Ġunju 2003, saret laqgħa ta' Kortesija mill-Prim Ministru l-Onorevoli Dr. Eddie Fenech Adami. Din saret fil-11.30 ta' filgħodu ġewwa l-Kurja ta' Għawdex. Il-laqgħa ġiet deskritta bħala waħda kordjali kif ukoll informali.

***Żjara tan-Nunzju Appostoliku Mons.L.Conti fi tmiem il-kariga tiegħu f'pajjiżna***

Il-Ħamis 12 ta' Ġunju 2003, l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Luigi Conti, Nunzju Appostoliku għal Malta, għamel żjara ta' kortesija fil-Kurja ta' Għawdex, lill-Mons. Isqof fl-okkażjoni tat-tmiem il-ħidma tiegħu bħala Nunzju ta' Malta. In-Nunzju Conti ta servizz twil fil-Korp Diplomatiku tas-Santa Sede fejn serva f'diversi nunzjaturi fosthom dawk tal-Indonesja, tal-Venezwela, tal-Belġju u ta' Franza. Mill-1971 sal-1975 huwa kien osservatur permanenti tas-Santa Sede fil-U.N.E.S.C.O. Kien ġie mlaħħaq Nunzju f'Haiti, fl-Iraq, fil-Kuwajt, fl-Ekwador, fit-Turkija, fit-Turkmenistan u fl-aħħar serva bħala Nunzju għal Malta u l-Libja.

***Jum is-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu.***

Il-Ħadd, 22 ta' Ġunju ħabat il-120 sena minn meta l-Madonna mill-kwadru tal-Kappella ta' Pinu sejħet lill-Karmni Grima. Fl-okkażjoni ta' din il-ġrajja l-Vigarju Ġenerali, Mons. Ġiovanni B. Gauci fit-8.30 ta' filgħodu mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' saċerdoti oħra. Mons. Isqof fl-9.45 a.m. qara s-Supplika lill-Madonna ta' Pinu li ġiet imxandra fuq ir-Radju. Mons. Isqof fis-7.00 ta' filgħaxija mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' saċerdoti oħra. Fil-Quddiesa tal-5.00 p.m. il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb mexxa l-Għasar li kien integrat mal-Quddiesa, flimkien ma' l-insara miġbura fis-Santwarju.

***Ordinazzjoni ta' Djaknu u Saċerdot***



Fl-24 ta' Ġunju 2003, it-Tlieta filgħaxija, festa ta' San Ġwann Battista, **Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Katidral li fiha ordna saċerdot lid-djaknu Charles Sultana mill-parroċċa tax-Xagħra u lis-seminarista Geoffrey G. Attard mill-parroċċa ta' San Ġorġ li ġie ordnat Djaknu**. Fl-Omelija li għamel, Mons. Isqof saħaq li "Jekk ma jkunx hemm Kristu fil-ħajja tas-saċerdot din tkun ħajja vojta li ma tiswa għal xejn." Fl-istess omelija Mons. Isqof ħa l-figura tal-Battista bħala mudell għal kull saċerdot; bħal San Ġwann, is-saċerdot "għandu jkun umli u jifraħ mhux meta jsemmuh jew iċapċpulu, iżda meta jara n-nies qegħdin jersqu għand Kristu u meta jara n-nies iktar imħeġġin biex jagħtu qima lil Ġesù Ewkaristija."(Din l-Omelija dehret fl-Atti tal-Kurja 240(Ġunju-Lulju)7-8).

***Mons. Isqof ifakkar lill-Papa Ljun XIII fin-Nadur u jbierek opri ġodda fil-Bażilika***

Il-Ħamis, 26 ta' Ġunju 2003 f'attività li saret fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Mons. Isqof bierek il-bradella u l-bankun ta' l-istatwa titulari u qiegħed ukoll id-dijademi tad-deheb fuq ras iż-żewġ Appostli, liema dijademi ġew imbierka mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Gwanmi Pawlu II. Fl-istess okkażjoni Mons. Isqof bierek l-orgni li ġie jnawgurat mill-ġdid wara restawr estensiv li sar fih mill-espert Robert Buhagiar. Fis-serata ndaqqu bl-orgni biċċiet mużikali mill-istess Robert Buhagiar. F'din l-attività saru diversi diskorsi; mill-Arċipriet tan-Nadur Mons. Salvu Muscat, Dun Dumink Camilleri ta deskrizzjoni dettaljata tar-rappreżentazzjonijiet li hemm fuq il-bradella l-ġdida,

mir-Restawratur is-Sur Robert Buhagiar li ta tagħrif fuq l-Orgni kif ukoll fuq ix-xogħol li sar u fl-aħħar Mons. Isqof għamel diskors qasir fuq il-figura tal-Papa Ljun XIII fl-okkażjoni tal-100 sena mill-mewt tiegħu. Għal din is-serata kien mistieden ukoll l-Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede l-E.T. Dr Jimmy Farrugia.

### *Il-CAVI jiltaqgħu ma' Mons. Isqof*

It-Tlieta, l-1 ta' Lulju 2003, rappreżentanti mill-CAVI, għaqda għal dawk li huma neqsin mid-dawl, iltaqgħu ma' Mons. Isqof fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Fil-laqgħa huma għarrfu lill-Mons. Isqof bil-ħidma li qegħdin iwettqu b'risq il-persuni neqsin mid-dawl kif ukoll semmewlu xi problemi li qegħdin jiltaqgħu magħhom. Fost it-temi diskussi ssemmiet il-ħtieġa li jkollhom Direttur Spiritwali biex jgħinhom fil-ħidma volontarja li qegħdin iwettqu. Mons Isqof, filwaqt li faħħar l-impenn tagħhom, ħeġġiġhom biex ikomplu jagħtu dan is-servizz lil ħuthom il-bnedmin.

### *Jibda jiltaqa' l-Kumitat tal-Kungress Pastorali Djoċesan*

Il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju 2003 saret l-ewwel laqgħa biex isiru l-preparattivi meħtieġa biex jiġi ċċelebrat is-seba' Kungress Pastorali Djoċesan. Matul ix-xahar ta' Lulju saret it-tieni laqgħa, fil-25 ta' Lulju 2003. Is-suġġett ta' dan il-Kungress huwa: "Nibnu Komunità Awtentikament Nisranija" u ser ikollu bħala ċentru tal-kontenut tiegħu lill-Kristu preżenti fil-mejda tal-Kelma u fil-mejda ta' l-Ewkaristija. Huwa ser jolqot ir-realtajiet kollha li fihom isib ruħu n-nisrani; il-familja, il-parroċċa, id-Djoċesi, in-Nazzjonijiet, il-Kontinent tal-Ewropa u l-fenomenu tal-Globalizzazzjoni. Dan il-Kungress għandu jservi biex naraw dak li ma twettaqx matul is-snin ħalli jekk hu possibbli nippruvaw inwettquh jew naraw kif nistgħu nwettqu xi affarijiet aħjar milli wettaqnihom s'issa.

### *Saret l-ewwel laqgħa lis-Saċerdoti Għawdxin imsefrin*

Is-Sibt, 12 ta' Lulju 2003, saret l-ewwel laqgħa għal dawk is-saċerdoti li huma msefrin u li matul is-sajf jiġu għal xi żmien biex igawdu lill-familjari tagħhom u l-mistrieħ misthoqq lilhom. Il-laqgħa li tkun waħda informali saret minn Mons. Isqof fis-Seminarju t'Għawdex. Għaliha kien hemm preżenti ukoll Mons. Vigarju Ġenerali u s-saċerdot responsabbli mis-saċerdoti msefrin Mons Salv Grima. It-tieni laqgħa għas-saċerdoti msefrin saret f'Awissu.

### *Żewġ Kardinali jieħdu sehem fiċ-Ċelebrazzjonijiet Ċentinarji ta' San Ġorġ*



Fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mill-martirju ta' San Ġorġ ġew mistiedna żewġ Kardinali; il-Kardinal ta' New York, Edward M. Egan u l-Kardinal ta' Palermo, Salvatore De Giorgi. Il-Kardinal Egan, il-Ġimgħa 11 ta' Lulju 2003 għamel konferenza fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ bis-suġġett "*The Church in Contemporary Society Challenges and Priorities*." Għal din il-konferenza kienu mistiedna s-saċerdoti, ir-reliġjużi, kif ukoll il-lajċi. Il-Kardinal saħaq fuq l-importanza tal-parroċċa anke fi żminijiet ta' llum.
**Is-Sibt, 12 ta' Lulju, id-djaknu Tonio Galea ġie ordnat saċerdot mill-Kardinal Egan f'konċelebrazzjoni mill-istess Kardinal fil-Bażilika ta' San Ġorġ.**

Il-Ħadd 20 ta' Lulju fit-8.30 ta' fil-għodu, il-Kardinal Salvatore De Giorgi, Arċisqof ta' Palermo, mexxa Konċelebrazzjoni li fiha ha sehem ukoll Mons. Isqof Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex u l-E.T. Mons. Ercole Lupinacci, Isqof ta' Lungro fil-Calabria (tar-Rit Orjentali). L-istess Kardinal mexxa wkoll il-purċissjoni li fiha nġarret ir-relikwa insinji ta' San Ġorġ, li nġabet minn Ruma, għall-okkażjoni tal-festi ċentinarji.

### *Laqgħa Ekumenika fil-Bażilika ta' San Ġorġ*

It-Tlieta 15 ta' Lulju Mons. Isqof ħa sehem fil-velja ekumenika ta' talb li saret fil-Bażilka ta' San Ġorġ u li fiha ħadu sehem ukoll l-E.T. Gregorios, Arċisqof ta' Thyateira u l-Gran Brittanja, bħala rappreżżentant tal-Qdusija Tiegħu l-Patrijarka Ekumeniku, u l-E.T. Geoffrey Rowell, Isqof ta' Ġibiltà fl-Ewropa, bħala rappreżentant tal-komunjoni Anglikana.

### *Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn*

Il-Kummissjoni Djoċesana għall-Appostolat tal-Lajċi flimkien mal-Leġjun ta' Marija t'Għawdex u tal-Kummissjoni Żgħażagħ organiżżaw għal darb'oħra l-Manifestazzjoni Marjana għall-Ambjent Moralment Nadif. Il-Manifestazzjoni inżammet it-Tlieta, 22 ta' Lulju f'Marsalforn. L-attività bdiet b'korteo mill-menqa bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li matulu ngħad ir-Rużarju Imqaddes; imbagħad Mons Isqof flimkien ma' saċerdoti oħra mexxa Konċelebrazzjoni fil-*promenade* tal-port ta' Marsalforn.







# X'ġara dan l-aħħar

Lelio Spiteri

### *Parteċipazzjoni f'Fiera Internazzjonali minn San Lawrenz*

Fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju r-raħal ta' San Lawrenz ħa sehem f'Fiera Internazzjonali ta' l-inbejjed u l-ġobon u dan fuq stedina tal-*Comune* ta' Colle Umberto. Il-wirja *"Forme e Sapori"* kienet organizzata f'waħda mill-isbaħ vilel fil-lokalità Taljana u attendew 'il fuq minn erbat elef ruħ. Il-Maltin preżenti għamlu reklam lil Malta b'materjal offrut mill-Awtorità tat-Turiżmu. Is-Sindku Noel Formosa fil-ftuħ tal-wirja qal li l-parteċipazzjoni Lawrenzjana fil-fiera juri s-solidarjetà fil-prattika u kemm hu importanti l-għarfien tal-kulturi fl-għaqda bejn il-popli. Fil-fiera ġew esebiti ġobon u nbid tipiku Malti u barra l-*istand* Maltija, kien hemm madwar ħamsin *stand* oħra imtella' minn reġjuni differenti ta' l-Italja.

### *Tan-Nadur fil-Vatikan f'laqgħa mal-Papa*



Fl-okkażjoni ta' l-anniversarji mill-mewt taż-żewġ papiet benefatturi kbar tal-Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur, delegazzjoni min-Nadur marret il-Vatikan fejn kellha laqgħa mal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II waqt il-laqgħa ġenerali fil-pjazza ta' San Pietru. Dan seħħ l-Erbgħa, 28 ta' Mejju. Il-Papa bierek iż-żewġ dijademi tad-deheb għall-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl. Wara li l-Papa bierek u mess dawn id-dijademi, l-Arċipriet Mons. Salv Muscat f'isem il-parroċċa ppreżenta gwarniċ tal-fidda bir-ritratt ta' San Pietru u San Pawl, filwaqt li Dun Duminku Camilleri ppreżentalu medalja tad-deheb li kienet saret fl-1994 fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tal-Kolleġġjata tan-Nadur u ktieb bl-istorja tal-Kolleġġjata ta' l-istess awtur.

### *"Jum il-Qala" b'serata varjata fi "Ġnien il-Familja"*

Dan il-jum kien imfakkar b'serata għall-familja kollha fi Ġnien il-Familja, is-Sibt 31 ta' Mejju. Matul is-serata pparteċipaw it-tfal ta' l-iskola primarja President Anton Buttigieg, il-Banda *Ite ad Joseph* taħt id-direzzjoni tas-surmast Michel Refalo u gruppi oħra ta' tfal u żgħażagħ li żifnu u oħrajn li daqqew għanjiet tradizzjonali. Lejn tmiem is-serata, ġie mniedi ktieb ġdid dwar il-Qala miktub mill-istoriku Dr Joseph Bezzina bl-isem ta' *"Qala, the Village with Valleys and Views"*. Dan il-ktieb huwa frott ir-riċerka ta' Dr Bezzina u kien ikkummissjonat mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku Paul Buttigieg għalaq is-serata b'diskors ta' l-okkażjoni. Il-laqgħa ntemmet bl-għoti ta' donazzjonijiet lill-għaqdiet Qalin fosthom *Radju Leħen il-Qala* u l-Banda *Ite ad Joseph*.

### *Tal-Qala għand il-President De Marco fil-Palazz ta' San Anton*

It-Tlieta 3 ta' Ġunju, il-Kunsill Lokali tal-Qala organizza ħarġa għal Malta għar-residenti Qalin fejn fost l-oħrajn iltaqgħu mal-President ta' Malta, l-E.T. Prof. Guido de Marco. Il-laqgħa saret fil-Palazz ta' San Anton. Kemm is-Sindku Paul Buttigieg, l-Arċipriet Dun Karm Refalo u l-President innifsu għamlu diskors ta' l-okkażjoni. Ġiet iċċelebrata quddiesa mill-Arċipriet megħjjun minn Mons. Ġużeppi Buttigieg flimkien ma' Dun Angelo Buttigieg fil-kappella privata tal-President ta' Malta fil-Palazz ta' San Anton.

### *"Business Forum" mill-HSBC għan-Negozjanti Għawdxin*

Nhar il-5 ta' Ġunju, l-*HSBC Bank* organizza forum f'lukanda ewlenija hawn Għawdex għan-negozjanti Għawdxin. Dan sar fuq talba li għamlu n-negozjanti stess wara laqgħat li Mr Chris Hothersall, CEO tal-*HSBC* Malta, kellu magħhom. Is-seminar tmexxa mis-sur James Bonello, Direttur tal-Bank u Kap tal-*Commercial Branch*. Huwa qal

li l-bank jagħti attenzjoni kbira lin-negozjanti ż-żgħar. Is-sur Mario Vella, *Senior Commercial Banking Manager,* ta ħarsa lejn x'hiex iħares il-bank meta jsellef il-flus. Is-sur Mark Bamber, direttur ta' KPMG, tkellem dwar l-importanza ta' tfassil ta' *business plan.* Is-sur Anthony Busuttil, Manager ta' *Trade Services,* tkellem dwar il-metodi differenti ta' ħlas għall-importazzjoni. Is-sur Richard Mercieca, *Area Manager* tal-*HSBC* f'Għawdex, qal li dan il-*forum* ħoloq interess kbir fost in-negozjanti Għawdxin.



## *"L-Arka" rebbieħa f'San Lawrenz*

Il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju, ir-raħal ta' San Lawrenz fakkar żewġ avvenimenti importanti: id-disa' anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali, u organizza għat-tmien sena konsekuttiva l-Premju San Lawrenz. Din is-sena dan il-premju, maħsub biex irodd ħajr lil dik l-għaqda li tkun ħadmet b'risq persuni fil-bżonn, ingħata lill-Fondazzjoni Arka. Din il-fondazzjoni twettaq xogħol imprezzabbli qalb il-persuni bi bżonnijiet speċjali u l-familji tagħhom. Matul is-serata ħa sehem il-kor *Gaulitanus* immexxi minn Mro Colin Attard. Saru diskorsi mis-sindku Noel Formosa u mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono.

## *Is-"Sette Giugno" imfakkar fix-Xagħra*

Fi Triq Bullara fix-Xagħra, il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju, saret it-tifkira ta' dak li kien seħħ fil-Belt Valletta fl-istess data fl-1919 meta tilfu ħajjithom erba' Maltin fosthom wieħed Għawdxi mix-Xagħra. Il-kommemorazzjoni saret taħt il-presidenza ta' l-Onor. Anton Tabone, *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati, u d-diskors prinċipali sar mis-sur Joe. W. Psaila.

## *"Jum il-Belt Victoria" - Serata Poetika - Korali fi Triq id-Dejqa*

Fl-okkażjoni ta' dan il-jum, il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria tella' serata korali fi Triq id-Dejqa, it-Tlieta 10 ta' Ġunju. Ħadu sehem il-korijiet *Laudate Pueri* u l-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Sar ukoll qari ta' poeżiji (*Evviva l-Qaddis*) ta' Joe W. Psaila u *Taħt l-Arloġġ il-Qadim tal-Kastell t'Għawdex* ta' Ġorġ Pisani. Is-sindku Vivienne Galea Pace għamlet kelmtejn ta' l-okkażjoni. Aktar qabel, il-Banda Ċittadina *Leone* għamlet marċi brijużi mat-toroq prinċipali tar-Rabat.

## *Wirja Artistika minn Studenti Għawdxin fl-Iskola ta' l-Arti*

Ittellgħet wirja mill-istudenti li jattendu l-Iskola ta' l-Arti Wistin Camilleri li tinsab Għajnsielem. Din il-wirja saret fis-sala tal-wirjiet fi Pjazza San Franġisk, Victoria u nfetħet uffiċċjalment mill-Ministru għal Għawdex nhar il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju. Il-wirja kienet tinkludi xogħlijiet ta' l-istudenti li jattendu l-korsijiet mgħallma fl-istess skola.

## *Edizzjoni Oħra tal-"Gozo Trade Fair" - Jieħdu sehem 50 esebitur*

Il-Ħadd 15 ta' Ġunju kienet l-aħħar ġurnata tat-tieni edizzjoni tal-Fiera Kummerċjali ta' Għawdex organizzata mill-*Gozo Business Chamber* u li saret fil-kumpless sportiv tar-Rabat Għawdex. Fl-edizzjoni ta' din is-sena ħadu sehem madwar ħamsin esebitur li jirrappreżentaw il-parti l-kbira tan-negozji lokali. Ewlenin fost dawn l-esebituri, mifruxa fuq spazju ta' 1600 metru kwadru, kien hemm banek, azjendi ta' servizzi finanzjarji, aġenziji tal-kambju tal-flus, karozzi, għamara tad-dar u tal-ġnien, aċċessorji tad-dar, dekorazzjonijiet, u prodotti tas-saħħa u s-sbuħija.



## *Imnarja 2003- Attivitajiet Varji fin-Nadur*

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur għal sena oħra organizza ħafna attivitajiet fl-okkażjoni tal-festa ta' l-Imnarja. Il-Ħamis 19 ta' Ġunju saret attività għat-tfal kollha tan-Nadur filwaqt li l-għada 20 ta' Ġunju ttellgħet attività għaż-żgħażagħ. Bejn is-Sibt 21 u l-Ħadd 22 ta' Ġunju ttellgħet il-wirja agrarja fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri. Il-kunċert mużikali mill-Banda *Mnarja* tan-Nadur sar it-Tnejn 23 ta' Ġunju u qabel dan il-kunċert infetħet wirja fotografika fi Pjazza San Pietru u San Pawl. It-Tlieta 24 ta' Ġunju ġie nawgurat monument lill-familja fi Ġnien il-Kunsill u l-ikla tradizzjonali ta' l-Imnarja saret l-Erbgħa 25 ta' l-istess xahar. Il-kunsill lokali organizza wkoll it-tiġrija tradizzjonali tal-bhejjem fi Triq ta' Xhajma f'jum il-festa, u l-għada xalata għal kulħadd. Il-Ħamis 3 ta' Lulju nżammet ħarġa għall-anzjani kollha tan-Nadur.



## *Wirja minn Thalia Stones - Xeni tal-Pajsaġġ Għawdxi*

Il-wirja ta' din l-artista Ingliża ġiet miftuħa mill-Ministru għal Għawdex is-Sibt 5 ta' Lulju fis-sala tal-wirjiet, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, Victoria. Il-wirja baqgħet miftuħa sal-Ġimgħa 18 ta' Lulju u kienu esebiti 67 kwadru. Ħafna minn dawn il-kwadri kienu juru xeni tal-pajsaġġ Malti u Għawdxi.

## *25 sena Saċerdoti - Konċelebrazzjoni Speċjali fil-Bażilika ta' San Ġorġ*

Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet ta' San Ġorġ, il-Kan. Felix Tabone u l-Kan. Onorarju John Bosco Cremona ċċelebraw flimkien il-ħamsa u għoxrin sena ta' saċerdozju ministerjali b'konċelebrazzjoni flimkien ma' sebgħa u għoxrin saċerdot u żewġ djakni fil-Bażilika ta' San Ġorġ, is-Sibt 5 ta' Lulju. Antoine Vassallo, president tal-kunsill parrokkjali, għamel il-messaġġ ta' merħba. Ippresieda l-Arċipriet Farrugia waqt li l-Kan. Tabone qara l-Vanġelu u l-Kan. Onorarju John Bosco Cremona għamel id-diskors ta' l-okkażjoni. L-Arċipriet *Emeritus* Mons. Salv Borg għamel messaġġ ta' ringrazzjament. L-Arċipriet Farrugia ppreżenta żewġ ikoni ta' San Ġorġ lis-saċerdot novell Tonio Galea u lid-djaknu Geoffrey George Attard. Wara sar riċeviment għall-parruċċani fiċ-ċentru parrokkjali.



## *Orvieto f'Kerċem - Ġemellaġġ u Attivitajiet*

L-iffirmar ta' ġemellaġġ bejn ta' Kerċem u Orvieto sar f'Jum Kerċem li kien iċċelebrat il-Ħamis 10 ta' Lulju. Iċ-ċerimonja saret fi Pjazza Orvieto f'ta' Kerċem, u minbarra li kien iffirmat dan il-ftehim, ingħata wkoll l-*Unur Ġieħ Kerċem* lill-armla ta' Joseph Micallef, li tilef ħajtu traġikament waqt xogħol ta' volontarjat fil-knisja parrokkjali, u lil Mikiel Angelo Grech li ħamsin sena ilu kien wieħed mill-fundaturi ta' *Kerċem Ajax FC*. Saret id-devoluzzjoni ta' l-art fejn ser jinbena ċ-Ċentru Ċiviku ta' Kerċem. Fost il-mistednin distinti, kien hemm il-Ministru għal Għawdex u l-Ministru tal-Ġustizzja u Intern. Taw is-sehem tagħhom il-Banda *San Girgor* flimkien mal-Banda *Mancinelli* ta' Orvieto. Saru bosta diskorsi fosthom mis-sindku ta' Kerċem, Joe Grima u dak ta' Orvieto, Stefano Cimicchi.

## *Il-Familja mfakkra fin-Nadur b'monument tal-bronż fi Ġnien il-Kunsill*

Fin-Nadur ġie inawgurat Mafkar lill-Familja mill-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta l-Prof. Guido de Marco u s-sindku tan-Nadur Dr Chris Said. Il-mafkar sar fi Ġnien il-Kunsill mill-Kunsill Lokali biex ifakkar il-familji Nadurin ta' kull żmien. Il-mafkar huwa tal-bronż u huwa xogħol l-artist Għawdxi John Grima u sar fil-bronż fil-*Fonderia Nolana* ta' Nola fl-Italja. Waqt iċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni, li saret fil-11 ta' Lulju, il-Ġimgħa, saru diversi diskorsi u ħadu sehem il-Banda *Mnarja*, l-*Aceline Dancers* u Fabrizio Faniello. Il-mafkar ġie mbierek mill-Arċipriet Mons. Salvu Muscat.



## *Ġemellaġġ Ieħor - Il-Munxar ma' Ragalna*

Il-Ħamis 17 ta' Lulju, fil-pjazza tal-Munxar ittellgħet serata li fiha ġie ffirmat ftehim ta' ġemellaġġ bejn il-Munxar u Ragalna. Iċ-ċerimonja bdiet billi s-sindku tal-Munxar, is-Sur Joseph Sultana u s-sindku ta' Ragalna, l-Avv. Vittorio Carone inawguraw flimkien ġnien ġdid fil-Munxar bl-isem ta' *Ġnien Ragalna*. Ħadet sehem il-banda *San Girgor*. Is-serata kienet tinkludi qari bil-Malti u bit-Taljan, diskorsi ta' merħba u kant. Wara ċ-ċerimonja, saret ikla b'ikel tradizzjonali Malti fil-pjazza stess.

## *"Aurora Folk Festival" - Serata Speċjali biex tfakkar it-30 Anniversarju*

Din is-sena l-*Aurora Folk Group* qed ifakkar it-tletin sena mit-twaqqif tiegħu. Biex ifakkar dan l-anniversarju, il-grupp organizza *festival* tal-folk fi Pjazza Katidral il-Ħamis 24 ta' Lulju. Il-parteċipanti kollha mxew minn Pjazza Savina saċ-Ċittadella. Ħadu sehem il-*Paul Curmi Dancers*, il-*Cameo Folk Dancers*, l-*Għarb Folk Group*, l-*Imnarja Folk Group*, il-*Happy Guitors*, l-*Aurora Folk Group* kif ukoll Frans Baldacchino l-Budaj u Tony Camilleri l-Għannej. Ġie servut ikel tipiku Malti u kien hemm wirja ta' artiġjanat lokali. Is-serata kienet taħt il-patroċinju tal-Ministru għal Għawdex u tas-sindku tal-Belt Victoria.



## *Sebbaħ Pajjiżek - In-Nadur jispikka b'4 Premjijiet*

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur irnexxielu jirbaħ erba' premjijiet f'din il-kompetizzjoni u jiġi t-tieni f'żewġ kategoriji oħra. Kunsilli lokali oħra Għawdxin li ħadu xi premju kienu dawk tal-Qala, ta' Għajnsielem u tax-Xagħra. Fir-ritratt jidher il-Ġnien tal-Kunsill fin-Nadur li ħa l-ewwel fil-kategorija ta' ġonna pubbliċi. Il-ministru Dr Tonio Borg ppreżenta lir-rebbieħa b'ċekkijiet, il-Ġimgħa 25 ta' Lulju, fis-sala Vassalli fiċ-Ċentru tal-Konferenzi, il-Belt Valletta.

## *"Nisġet il-Bejta" - Programm Mużikali mill-Banda taż-Żebbuġ*

Il-Banda *Santa Marija* taż-Żebbuġ tellgħet programm speċjali b'dan l-isem l-Erbgħa 20 ta' Awissu, taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-E.T. Prof. Guido de Marco. Il-programm sar bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill tal-Kultura kif ukoll il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ. Waqt il-programm ġiet inawgurata l-ewwel ġebla tal-każin tal-banda li qed jinbena fi Triq il-Knisja fil-lokalità taż-Żebbuġ.




### *Dokument tal-Vatikan kontra ż-żwieġ ta' persuni ta' l-istess sess*

Dokument maħruġ mill-Vatikan juri l-oppożizzjoni qawwija tal-Knisja għall-għarfien legali taż-"żwieġ" bejn persuni ta' l-istess sess, waqt li jfakkar lill-politiċi kattoliċi fid-dmir tagħhom li jopponu miżuri ta' din ix-xorta.

Id-dokument, intitolat "Konsiderazzjonijiet rigward proposti biex jingħata għarfien legali lill-għaqda bejn persuni omosesswali" ġie maħruġ fil-31 ta' Lulju li għadda mill-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi. Id-dokument kien diġà ġie ċirkolat fost l-isqfijiet fid-dinja f'Ġunju u kien ġie approvat mill-Papa fit-28 ta' Marzu.

Fil-qosor iżda bil-qawwa, id-dokument iwaqqa' l-argumenti popolari favur iż-"żwieġ" bejn persuni ta' l-istess sess u għamliet oħra ta' għarfien legali għall-omosesswalità. Fi twiddiba qawwija lill-politiċi kattoliċi, jgħid illi li wieħed jivvota favur leġislazzjoni li tagħraf l-għaqda omosesswali hija ħaġa "gravament immorali".

### *Il-Kardinal Ambrozic dwar Żwiġijiet Omosesswali*

Waqt id-dibattitu fil-Kanada dwar abbozz ta' liġi dwar iż-"żwieġ" bejn l-omosesswali, il-Kardinal Aloysius Ambrozic bagħat messaġġ lil kull parroċċa fl-arċidjoċesi tiegħu ta' Toronto biex jiġi ppubblikat fil-bullettin: "Iż-żwieġ hu l-unjoni bejn raġel u mara. Huma jistgħu, u spiss hekk jagħmlu, inisslu u jkollhom ulied, li jkollhom il-ferħ u r-responsabbiltà li jrabbu u jedukaw sa meta jikbru. Il-persuni kollha jisthoqqilhom rispett skond id-dinjità umana tagħhom. Li wieħed jipprova jagħti isem ieħor lil għamliet oħra ta' relazzjonijiet u jsejħilhom 'żwieġ', minkejja dan, hu ineżatt". Bħalissa fil-Kanada hemm dibattitu.

### *Il-Prim Ministru Awstraljan ukoll kontra l-"Gay Marriages"*

Il-Prim Ministru ta' l-Awstralja qal li huwa ma jissapportjax l-għarfien legali ta' l-unjonijiet omosesswali, inkluż iż-"żwieġ" bejn l-istess sess, waqt li qal li dawn r-rabtiet ma jagħmlu xejn biex ir-razza umana tibqa' teżisti.

Il-Prim Ministru John Howard qal li dawk li jitolbu l-legalizzazzjoni tal-*gay marriages* ma jifhmux x'inhu l-għan taż-żwieġ. "Hija istituzzjoni fundamentali", Howard qal lill-gazzetta *Courier-Mail.* "Ir-raġuni m'hix mibnija fuq diskriminazzjoni", żied jgħid, imma hi "li ż-żwieġ kif aħna tradizzjonalment fhimnieh (hu) l-għaqda volontarja bejn raġel u mara, bit-tama li jkun għall-ħajja kollha".

### *Qassis eroj jegħreq wara li salva sebat itfal mill-għarqa*

Saċerdot mill-Italja t'Isfel qed jitqies bħala eroj wara li salva sebat itfal milli jegħrqu qabel ma hu stess ċeda taħt il-qawwa tal-baħar. Don Stefano Gorzegno ħa madwar 50 tifel u tifla li l-etajiet tagħhom ivarjaw bejn it-12 u s-16-il sena, mill-belt ta' Bojano għal Termoni fuq il-kosta Adrijatika, għal ġita ta' ġurnata f'Lulju li għadda. Xħin grupp ta' tfal inqabad f'kurrenti qawwija taħt il-baħar, Don Stefano, ta' 44 sena, qabeż il-baħar bil-ħwejjeġ b'kollox u rnexxielu joħroġ sebat itfal mill-ilma, imma fl-aħħar għereq hu. Jingħad li Don Stefano kien għawwiem espert u *scuba diver*.

Għandek xi tip ta' proprjetà għall-bejħ: Farm Houses - Appartamenti - Plots u Rabà?
Jekk tixtieq tbiegħ xi proprjetà wasal s'għandna jew ċempel lil J.Debrincat

**J. DEBRINCAT LIMITED**

*Pjazza San Franġisk, Victoria - Gozo Tel.21553960 - 21560102 \ Fax.21560103*
*Email: jdmail@debrincat.com.mt* ***www.debrincat.com.mt***




## *Koordinament u Kollaborazzjoni?*

Mhux dejjem nintebħu bil-fortuna li ngawdu fil-kwantità ta' żgħażagħ u adulti li joffru ħinhom, enerġija u ideat –mingħajr interess u b'ħeġġa kbira. Dan jirrifletti ruħu wkoll fil-volum kbir ta' attivitajiet li jkollna fid-daqsxejn ta' gżira tagħna.

Per eżempju fl-4 ta' Mejju, r-Rabat kien hemm il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, irtir nazzjonali ta' waħda mill-għaqdiet, fiera ġewwa u oħra fl-apert f'raħal fil-qrib, almenu żewġ wirjiet u kunċert pubbliku. Min jaf kemm kien hemm min kellu deċiżjonijiet diffiċli dwar għażliet! Ma semmejtx ħidmiet oħra għall-ġbir ta' fondi, li donnhom fil-maġġoranza jkunu, almenu indirettament, reliġjużi jew parrokkjali.

Bilfors allura nikkonkludi li neqsin mill-koordinament. Is-sena fiha 52 ġimgħa (u 365 jum) u żgur joħroġ iktar ġid (u jitfaċċaw inqas kuntrasti) jekk ma nirfsux fuq xulxin. Is-sezzjoni ministerjali tal-Kultura jiġbru l-informazzjoni biex jistampawha u jippreżentawha fuq l-*internet*. Ma jistax ikollna uffiċċju simili l-Kurja?!

## *Sigurtà fl-Iskejjel*

Wasalna lejn tmiem il-vaganzi; allura żmien addattat biex naħsbu u nippreparaw għal sena skolastika ġdida.

Waħda mill-punti li nibża' li ma nagħtuhiex biżżejjed attenzjoni hi s-sigurtà. Nagħmel żewġ mistoqsijiet biss.

L-ewwelnett: kemm hu faċli tidħol fl-iskola bla awtorizzazzjoni? Ma jidhirlix li aħna ppreparati jekk xi ġenitur ifettillu jrid "sodisfazzjon" minn xi għalliem (anki per eżempju, marka ta' test). Ma nafx x'jiġri meta tfal ikunu involuti fi kwistjoni bejn ġenituri separati. U ma tantx moħħi mistrieħ mis-sistema tal-*watchmen* kif titħaddem preżentament!

It-tieni mistoqsija: x'kontrol qed isir mill-awtoritajiet qabel u wara l-ħin ta' l-iskola?

Hawn impressjoni li t-tfal tagħna ma humiex protetti biżżejjed kontra persunaġġi perikolużi (drogi u abbużi oħra). Mhux billi jkollna liġijiet u regolamenti fuq il-karta! Nafu kemm hu mifrux il-bejgħ ta' xorb u sigaretti lil tfal taħt l-età (u saħansitra l-preżenza tagħhom f'ċerti postijiet, anki forsi meta l-ġenituri moħħhom mistrieħ li qegħdin l-iskola!) Anki dwar it-trasport hawn min qiegħed igerger (per eżempju, dwar *bullying* u ffullar ġol-*buses*). Kumment ċkejken ieħor: tajjeb ngħid li hawn xi skejjel primarji li naqqsu l-kollaborazzjoni mill-qrib mal-kappillan tal-post dwar l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' natura reliġjuża u spiritwali!

## *Attenzjoni Maltacom!*

Ta' spiss jissuġġerixxu li d-Direttorju tal-Maltacom għandu jinkludi l-*postcodes* ukoll fl-indirizz. Jista' jkun li din iż-żjieda tkun utli, issa li l-"Maltapost" bidlu r-rotot li fihom hu maqsum Għawdex.

Iżda hemm xi ħaġa iktar importanti. X'loġika fiha li jidher "Xlendi, Munxar" u "Marsalforn, Żebbuġ" eċċ?! X'għandha x'taqsam li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' dawn il-Kunsilli Lokali? Żgur inħarsu lejhom bħala lokalitajiet distinti! U allura faċilment jiġrilek li tkun tfittex lil xi ħadd b'kunjom komuni u tibqa'ma ssibux!

B'mod ġenerali, wasalx iż-żmien li d-Direttorju ma jillimitax ruħu għall-*fixed lines* biss?

Ta' Vestru

BAR, RESTAURANT & PIZZERIA

Open daily for Lunch and Dinner

5, St. Joseph Square, Qala, Gozo. Tel: 2156 4589, 2155 9090

*Ritratt ... b'mistoqsija!*



*Dan il-monstru rieqed ta' Chambray se jibqa' għal dejjem hekk?!*


**WASABI'S 歡迎**
**ORIENTAL TAVERN**

St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 6337 - Mob: 9945 0490

THE STYLISH WAY TO GO EAST

***DAILY (from Monday to Friday)***
***Transport of goods between Gozo***
***& Malta and Malta & Gozo***

*Contact:* Joseph Spiteri
'Villa Loreto' Bishop Buttigieg Str., Qala
Tel: 2155 4929 / 2137 6193
Mobile: 9944 6521




**Imperial Eagle**
Gozo Truck Transport

✓ ***For all kind of Concrete Works***
✓ ***CRANE HIRE***

**Mario Camilleri**

***IN-NAJSI***

*"Camilleri Family" 21, Independence Str.*
*Qala, Gozo.*



Tel: 2155 4941 • Mob: 9946 0725 / 9988 5457

L-INTERVISTA

# Qniepen Ġodda għall-Katidral t'Għawdex

**Dun Eddie Zammit jintervista lill-Wisq Rev. Mons. Arċipriet, Joseph Vella Gauci, Ph.D., M.A.**

Is-Sibt 2 ta' Awissu nkitbet storja ġdida fl-istorja tad-djoċesi tagħna. Fi Pjazza Savina, quddiem folla kbira ta' nies l-Isqof Nikol Cauchi bierek il-ħames qniepen il-ġodda li ser jieħdu post il-qniepen li sal-lum kien hemm fil-kampnar tal-knisja Katidrali. Mat-tokki tal-qniepen fi Pjazza Savina n-nies preżenti nfexxet f'ċapċipa spontanja kważi kważi biex tagħti merħba lil dawn il-ħames vuċijiet il-ġodda li tant ser nisimgħuhom fix-xhur u fis-snin li ġejjin. Dawn il-qniepen tawhom l-isem kif nagħtu lil kull min jibda l-mixja tiegħu fil-ħajja mal-bnedmin. Semmewhom hekk f'rabta mal-benefatturi u l-parrinijiet tagħhom; iż-żgħira *Aloysia*, it-tieni *Paula*, it-tielet *Josepha-Francisca*, ir-raba' *Ursola*, u l-kbira *Maria Assunta*. "Mat-tokki tal-qniepen il-ġodda seħħet il-ħolma ta' diversi parruċċani tal-Knisja Katidrali li kien ilhom diversi snin jixtiequ li l-Knisja Katidrali jkollha sett qniepen li jagħmlu unur lil tant settijiet ta' qniepen li jżejnu lil tant knejjes fid-djoċesi tagħna", hekk stqarr l-Arċipriet tal-Katidral Mons. Joe Vella Gauci fil-bidu ta' intervista li għamiltlu ftit jiem wara t-tberik tal-qniepen. "Biex inkun sinċier, din l-opra tal-qniepen ma kinitx fil-bidu tal-lista tal-prijoritajiet ta' proġetti li xtaqna nagħmlu b'risq il-komunità parrokkjali. Però issa, wara seba' snin li ilni hawn, ħassejt li wasal żmienha. Il-komunità tal-Katidral inħoss li appoġġjat b'qalbha kollha proġetti utli li wettaqna dan l-aħħar b'risq il-komunità. Insemmi per eżempju il-*lift hydraulic* li għamilna għall-anzjani u persuni bi ħtiġijiet speċjali biex ikunu jistgħu jattendu b'kumdità għall-funzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-Katidral t'Għawdex, ir-restawr kontinwu tal-Knisja Katidrali, l-Uffiċċju Parrokkjali, ix-xiri tal-lokal tal-Librerija Parrokkjali, l-akkwist tal-*parking* tal-Katidral, kif ukoll ix-xiri ta' lokal bl-artijiet





miegħu fejn 'il quddiem ser intellgħu il-proġett ta' Ċentru Parrokkjali. Ħassejt li wara dawn il-proġetti kollha, wasal iż-żmien li naqtgħu x-xewqa ta' diversi membri tal-komunità tagħna, li nidħlu għall-proġett tal-qniepen il-ġodda".

***U x'kien il-motiv ewlieni li l-parruċċani xtaqu li jkun hemm sett qniepen ġodda meta dawk li kien hemm huma antiki u għandhom valur storiku?***

"Hu veru li l-qniepen li kien hemm qabel mhux ta' min jarmihom, anzi se nieħdu ħsiebhom tassew u ser inpoġġuhom f'post qrib il-Katidral fejn jistgħu jiġu ammirati għas-sbuħija tagħhom u jistgħu jkunu ukoll f'pożizzjoni li jindaqqu. Tneħħew minħabba r-raġuni li meta nħadmu, ma nħadmux bħala sett u allura ma jkollokx dik l-armonija mixtieqa. Inizjalment ippruvajna ndaħħlu xi waħda minnhom fis-sett il-ġdid imma wara parir li ngħatajna minn *Taylor Bell Founders* dehrilna li aħjar inħalluhom kif inhuma u b'hekk nsalvaw l-istoriċità tagħhom".

***U kif ġew iffinanzjati? X'reazzjoni kien hemm mill-parruċċani?***

"Nista' ngħid li bqajt sorpriż bir-reazzjoni qawwija tal-parruċċani tal-Katidral. Fl-ewwel ġabra li għamilna fil-bidu ta' din is-sena, il-Kumitat li nħatar "*ad hoc*" biex jirrealizza l-proġett, għamel ġabra bieb bieb u rnexxielu jiġbor xejn inqas minn Lm60,000!".

***Ġabra kbira?***

"Ġabra kbira, imma nofs it-triq tal-ispiża totali. Il-proġett kollu, skond l-istima li kienu tawna ta' Taylor fil-11 ta' Settembru tal-2001, kien ta' mitt elf lira Maltija. Imbagħad jidħlu ħafna imprevisti. Ħafna drabi meta tidħol għal spejjeż kapitali u għal proġetti kbar bħal dawn tiltaqa' ma' ħafna imprevisti. Sibna ma' wiċċna spejjeż għall-assigurazzjoni, taxxa tad-dwana, spejjeż ta' trasport. Kultant issib min jgħinek u kultant issib bibien jingħalqu f'wiċċek. Terġa', kellna l-inċertezzi li għaddejna minnhom fl-ewwel xhur tas-sena minħabba l-impenji elettorali, u allura l-entużjasmu jbatti xi ftit. Imma, kollox ma kollox sodisfatt ħafna bl-appoġġ li sibna fi żmien daqshekk qasir. Kultant tibqa' mistagħġeb kif taħdem il-providenza!".

***Per eżempju?***

"Nieħdu l-każ tat-trasferiment tal-qniepen. Kif ser inniżżlu lill-qodma u ntellgħu lill-ġodda? Ma kontx nimmaġina li hemm daqshekk kumplikazzjonijiet. Minkejja li mezzi tal-irfiegħ, bħal *cranes* kbar, illum issib diversi, is-sitwazzjoni tal-Katidral għamlitha diffiċli minħabba li ma jistgħux jittellgħu *cranes* kbar taħt il-kampnar. *Crane* miftuħa ma tistax terfa' iktar minn tunnellata. Il-kbira tiżen ħamsa. Ser naħdmu b'sistemi antiki bl-appoġġ tal-inġenerija moderna. Bqajt mistagħġeb kemm għandna, anke Għawdex stess min hu ppreparat għal dan it-tip ta' xogħol. Dik providenza! Imbagħad kellna bżonn il-mezzi mill-*White Brothers*. L-ewwel stima kienet ta' Lm20,000 biex ipoġġu l-qniepen fil-kampnar. Bl-għajnuna ta' diversi nies ħbieb tal-komunità parrokkjali, din id-ditta offriet is-servizzi kollha b'xejn".



### *Kien hemm xi raġuni għax saru għand Taylor l-Ingilterra?*

Ta' *Taylor* għandhom diversi settijiet f'Malta u Għawdex. Jekk minix sejjer żball Għawdex hawn ta' Santa Luċija u tal-Munxar. Jaħdmu xogħol sabiħ. Magħna kellhom jagħmlu xi ftit eċċezzjonijiet. Mhux soltu jagħmlu ħafna dekorazzjonijiet. Imma aħna insistejna u fl-aħħar fehmuna, u l-qadd ta' kull qanpiena żejnuh b'girlanda ta' ward f'mudellatura oriġinali u rari. Il-ward li ntagħżel hu għaldaqstant karatteristika Ingliża, biex l-identità ngliża li sawret il-qanpiena ma tintilifx. Barra minn hekk tqiegħdu wkoll, fuq xewqa espressa tagħna, diversi xbihat fuq il-qniepen kif inhi tradizzjoni tagħna. Fuq il-kbira poġġejna x-xbieha tal-kwadru titulari xogħol ta' Michele Busuttil, kif ukoll il-ħames armi tal-Papa Ġwanni Pawlu II, ta' l-Isqof Nikol Cauchi, tal-Kapitlu tal-Katidral, ta' l-Arċidjaknu tal-Katidral, u ta' l-Arċipriet. Dawn saru fuq disinn ta' Pawlu Camilleri Cauchi. Xbihat fuq il-qniepen l-oħra huma ta' Sant' Ursola u tal-Papa Piju IX ".



### *Tħossok sodisfatt bil-proġett?*

"Ħafna. U dan is-sodisfazzjon jaqsmuh miegħi l-membri tal-komunità kollha tagħna li mingħajr l-appoġġ kontinwu tagħhom ma kienx jasal fi tmiemu. Inħossni sodisfatt bl-armonija li nħolqot permezz ta' dan il-proġett; armonija permezz tal-qniepen li żgur ser jagħmlu wens u jaqsmu l-mumenti ta' niket u ferħ tal-komunitajiet tagħna, u armonija vera wkoll bejnietna. Nixtieq u nawgura li fis-snin li ġejjin din l-armonija fost il-membri tal-komunità tagħna tkompli titkattar".

# Ir-Relikwi ta' Santa Tereżina f'Għawdex

Rapport minn Alfred Grech







Kelli x-xorti li nkun involut mill-qrib fit-tħejjija għall-miġja ta' l-Urna bir-Relikwi ta' Santa Tereżina tal-Bambin Ġesù f'Għawdex.

Biex inkun sinċier, ikolli nammetti li ma kellix xi devozzjoni partikulari lejn din il-qaddisa; imma iktar ma beda jgħaddi ż-żmien u toqrob il-ġurnata tal-wasla ta' l-Urna fostna, iktar l-interess u l-ħeġġa bdew jikbru. Barra minn hekk, l-entużjażmu jbaqbaq u ż-żelu qaddis ta' Mons. Rużar Borg, li tant ħdimna fil-qrib ma' xulxin, kienu jittieħdu bħal *virus* kollu ġid.

Avveniment ta' din l-għamla jitlob preparazzjoni remota, dettaljata u serja. Il-komunità Karmelitana-Tereżjana f'Malta, li bl-inizjattiva tagħha ġew ir-relikwi fostna, kienet ilha x-xhur twal u anki s-snin għaddejja bil-*homework* tagħha. Kien jeħtieġ li jinħatar kumitat biex jieħu ħsieb il-programm ta' l-Urna matul it-tlett ijiem li kellha ddum f'Għawdex. Dan il-kumitat, approvat mill-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi, kien magħmul minn Mons. Ewkaristiku Sultana, Mons. Rużar Borg, Dun Mikiel Galea, Dun Gerard Buhagiar, Sr Carmen Bonnici tas-Sorijiet Karmelitani-Tereżjani ta' Kerċem u jien bħala segretarju. Iltqajna l-ewwel darba nhar il-Ħamis 5 ta' Diċembru 2003 fil-post tal-Leġjun, Victoria, li

kellu jkun il-kwartieri tagħna. Dakinhar il-Provinċjal tal-Karmelitani-Tereżjani f'Malta, Patri Alfred Grech ocd, tana t-tifsila tal-programm li fuqu kellna naħdmu. Mhux ser nidħol fid-dettall dwar il-ħidma intensiva li saret matul is-sitt xhur ta' wara. Il-propaganda, id-dettalji tal-programm u fuq kollox it-tħejjija spiritwali ta' l-insara kienu jinvolvu xogħol ġmielu. Barra minn hekk kellna kuntatt kontinwu mal-Kumitat Ċentrali ta' Malta kif ukoll ma' l-isqfijiet għall-approvazzjoni tagħhom. Intoppi ma naqsux, imma llum xħin inħares lura nħoss li kien hemm id Tereżina tmexxina b'għaqal u mħabba.

U ma nistgħux ngħidu li dan ma deherx fil-miġja tar-relikwi fostna. Mingħajr eċċezzjoni, kulfejn marret l-Urna, ibda mill-wasla tagħha fl-Imġarr u Għajnsielem, u ibqa' sejjer lejn Ta' Pinu, l-Għasri, is-Seminarju, ix-Xlendi, Ta' Kerċem, il-Qala, l-Isptar Ġenerali, in-Nadur u x-Xagħra, kienet milqugħa b'ferħ u fervur. Mit-toroq li minnhom għaddiet in-nies ħarġu bi ħġarhom biex isellmulha. U din il-qaddisa żagħżugħa ta' rieda soda ġibdet lejha lil kulħadd; saċerdoti, reliġjużi u lajċi; membri parlamentari, sindki, professjonisti u ħaddiema; anzjani, morda, familji, żgħażagħ u tfal. Il-funzjonijiet ma naqsux.

U minn dan l-għadam prezzjuż li ġarr fuqu tfajla ta' fibbra morali straordinarja, għadna ngawdu l-ward ifuħ ta' grazzji kbar li xerdet fostna Tereżina, hekk kif kompliet, kif dejjem xtaqet, il-vjaġġ tagħha madwar id-dinja.














# L-Ajrudrom ta' Għawdex 60 sena ilu

minn Charles Bezzina




*L-ewwel ajruplan fl-ajrudrom ta' Għawdex*

Proprju sittin sena ilu, f'Ġunju 1943, f'Għawdex kien inbena ajrudrom biex iservi għall-invażjoni ta' Sqallija. Dan kien l-uniku ajrudrom li qatt kellu Għawdex... u nbena f'medda ta' tliet ġimgħat biss. Għalhekk dawk li dakinhar kellhom madwar għaxar snin, ftit jew wisq jiftakru li darba fil-gżira ċkejkna tagħna nbena ajrudrom. Ħafna mill-informazzjoni li sejjer nagħti dehret diġà fil-ktieb ta' missieri, Frank Bezzina (1925-1996), *"Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943"*, li ħareġ sentejn ilu.

Dan l-ajrudrom kien f'għamla ta' "Y". Ranwej minnhom kienet minn wara l-parroċċa tax-Xewkija, tgħaddi minn quddiem it-Torri ta' Santa Ċeċilja u tibqa' dieħla fuq ir-riħ ta' Għajnsielem għal taħt in-Nadur fit-triq tal-Qala u preċiż qabel tilħaq Borġ Għarib. Hawn kienet l-għaqda tal-"Y" u bis-sieq tal-"Y" testendi ftit aktar lejn il-Qala. Il-parti l-oħra, jew aħjar it-tieni ranwej, kienet tibda mill-għaqda tal-"Y" ħdejn Borġ Għarib, tibqa' miexja taħt in-Nadur u tilħaq il-pjanura taħt ix-Xagħra u tispiċċa fejn illum hemm in-Niċċa tal-Madonna tar-Rummiena f'salib it-toroq, jew fil-post fejn triq waħda tieħu għaċ-ċimiterju ta' Santa Marija fix-Xewkija, triq oħra tieħu għan-Nadur u l-oħra għall-knisja Ta' Ħamet. Għad jgħaddu ż-żminijiet u dawk li jiġu warajna għad jaqraw li Għawdex, daqsxejn ta' skoll, seta' jgħin fl-invażjoni ta' Sqallija. Iżda qabel ma nasal biex nidħol f'aktar dettalji dwar l-ajrudrom innifsu, jeħtieġ li npoġġu kwadru ta' x'kienu ċ-ċirkustanzi li wasslu biex f'Għawdex inbena mitjar li kien jesa' madwar 75 ajruplan tal-ġlied.

Mal-bidu ta' Mejju 1943, il-ġlieda fl-Afrika ta' Fuq bdiet turi li kienet waslet fi tmiemha u favur l-Alleati. Fis-7 ta' Mejju 1943, Tuneż u Biżerta ġew okkupati mill-Alleati u mar-rebħa nqabdu eluf ta' Ġermaniżi bħala priġunieri. Fil-jiem ta' wara, il-famuż *Afrika Corps* ingħeleb għal kollox. B'hekk sat-13 ta' Mejju 1943, l-Alleati kienu ħadu d-dominju fuq l-Afrika ta' Fuq bl-unuri. Wara din ir-rebħa alleata bdew jaslu fostna aħbarijiet ta' ċaqliq kbir u ta' truppi u bastimenti f'naħat tal-Mediterran. Malta fuq kollox saret bażi l-aktar importanti minfejn setgħet issir, kif aktar tard sirna nafu, l-invażjoni ta'

Sqallija. Fil-ġimgħat ta' wara, fil-portijiet Maltin daħlu għadd kbir ta' *landing barges*. Mijiet ta' ajruplani waslu Malta u bdejna naraw konċentrazzjoni u moviment kbir ta' suldati u armamenti militari li kien juri ċar li minn Malta kellha ssir xi ħaġa kbira. Il-qagħda ta' Malta kienet tbiddlet. Għalkemm kien għadu jkollna attakki mill-ajru, Malta ma kinitx għadha fil-periklu bħal qabel, imma minflok bdiet issir hi theddida għat-territorju Taljan. Ajruplani alleati kienu ta' spiss jittajru mill-Afrika ta' Fuq u minn Malta biex jibbumbardjaw il-gżejjer Taljani tal-Mediterran. Fil-fatt f'Mejju 1943, saru attakki qawwija minn ajruplani alleati fuq il-gżejjer Sqallin, fosthom Pantellerija. Għal kważi xahar sħiħ l-Alleati bbumbardjaw Pantellerija bla ħniena u fil-11 ta' Ġunju ċediet. Fit-12 ta' Ġunju, Lampedusa għamlet l-istess filwaqt li Linoża ċediet fit-13 ta' Ġunju. Sadanttant fl-aħħar ta' Ġunju u l-bidu ta' Lulju 1943, f'Malta bdew jaslu personalitajiet speċjali fosthom il-Kmandant Suprem, il-Ġeneral Dwight Eishenhower. Il-ġurnata magħżula għall-invażjoni kienet l-10 ta' Lulju 1943. Sa minn jiem qabel din id-data, ajruplani minn Malta kienu spiss imorru jattakkaw Sqallija. Iżda minkejja dan kollu, l-*Air Vice Marshall* Sir Keith R. Park ma kienx kuntent bit-tnejn u tletin skwadra ta' madwar 527 ajruplan f'Malta u ried li xi mkien ieħor jinstab post fejn ikun hemm aktar skwadri ta' ajruplani. Il-post magħżul kien Għawdex. Ħabat tajjeb li lejn l-aħħar ta' Mejju 1943 f'Malta nzerta kien hawn l-inġinier Amerikan Major Colt. Dan, li kien jispeċjalizza fl-ajrudromi, qal lil Sir Keath Park li l-Amerikani kienu kapaċi jibnu ajrudrom f'Għawdex fi ftit ġimgħat. Sir Keath Park ma setax jemmen dan, iżda ta l-permessi meħtieġa biex dan il-proġett jitwettaq malajr.

*Operation Husky* jew l-invażjoni ta' Sqallija kienet għalhekk il-kawża għaliex f'Għawdex kellu jinbena malajr ajrudrom temporanju. Għal dan il-għan il-kumpanija ta' l-Ingilterra li ġiet inkarigata biex tibni dan l-ajrudrom, ġabet magħha mill-Afrika ta' Fuq makkinarju goff kif ukoll tagħmir u apparat ieħor meħtieġ fuq disa' *Landing Craft tanks*. Hija telqet mill-port ta' Bona fl-1 ta' Ġunju 1943 u fis-6 ta' Ġunju 1943 waslet fil-bajja ta' Marsalforn. Jumejn wara nbena dan il-proġett urġenti bil-ħidma ta' madwar 200 ruħ fi ħdan ir-riġment Amerikan u ta' madwar 300 Għawdxi. Għal xi jiem dawn kienu jinbidlu bi tliet xiftijiet, lejl u nhar. Fit-23 ta' Ġunju, l-ewwel tliet *Spitfires* għamlu użu mill-mitjar li kien fih żewġ ranwejs. Dawn kien fihom madwar 4000 pied tul b'200 pied wisa' kull waħda. L-aħħar waħda bdiet tinbena sa mill-15 ta' Ġunju, meta kien diġà nbeda x-xogħol fuq l-ewwel waħda. Ix-xogħol tlesta ġimgħa qabel iż-żmien stipulat u fil-25 ta' Ġunju 1943 l-ajrudrom għadda f'idejn l-Ingliżi. L-ajrudrom kellu tliet skwadri ta' ajruplani tal-ġlied – Nri 307, 308 u 309 – tat-*31st Group USAAF* – li taru lejn l-ajrudrom fit-30 ta' Ġunju 1943. Wara li lestew l-ajrudrom, l-Amerikani telqu mill-Imġarr mal-vapur *John Page* fit-2 ta' Lulju 1943. Iżda dan il-vapur, li ankra 'l barra mill-port ta' l-Imġarr fit-28 ta' Ġunju 1943, kien ġab miegħu mijiet ta' suldati, l-aktar Amerikani tal-*536th C.A.Bn.A.A.* Dawn tferrxu f'diversi postijiet. Uħud minnhom kienu qagħdu fil-kampijiet madwar l-ajrudrom biex jiddifenduh. Fil-batteriji tagħhom kont issib dak kollu li kien meħtieġ għall-ħajja u naturalment dak li kellu x'jaqsam mal-gwerra, bħalma huma *bofors*, maxingans, armamenti u munizzjon ieħor. L-ajrudrom serva fl-invażjoni ta' Sqallija iżda safa' abbandunat meta l-Amerikani tal-*536th C.A. Bn. A.A.* telqu lejn Malta fis-6 ta' Awissu 1943. L-unika sfortuna li sofra Għawdex kienet li minħabba l-bini ta' dan l-ajrudrom, it-torri storiku ta' Gourgion twaqqa' biex qatt ma reġa' nbena. Dan it-torri arjuż fil-kampanja Għawdxija kien inbena min-nobbli Giovanni Gourgion u tlesta fl-1690. Kien inawgurat mill-Granmastru Adrian De Wignacourt u kien fih bjar ta' l-ilma, galleriji u diversi skrizzjonijiet bil-Latin. It-twaqqigħ tat-torri nbeda fis-16 ta' Ġunju 1943 u fi ftit jiem ġarrfuh għal kollox. Xi ġebel li baqa' minnu jinsab illum merfugħ fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija fiċ-Ċittadella.





***Is-suldati Amerikani f'Għawdex qegħdin jiddiskutu l-"Operation Husky" u f'akkampament tagħhom fl-inħawi ta' l-ajrudrom, Għawdex, Lulju 1943.***

Meta x-xogħol fil-bini ta' l-ajrudrom intemm, mill-ewwel ittieħdu l-prekawzjonijiet biex iħarsuh bil-kanuni. Fost il-miżuri ta' difiża kien hemm erba' batteriji Ingliżi mifruxa f'erba' postijiet. Kien hemm ukoll għadd ta' kanuni kontra l-ajruplani. Minn dawn kien hemm erbgħa li kienu: (a) fi Ġnien is-Sultan, limiti Ta' Sannat, (b) f'Ta' Ċenċ, (ċ) ieħor viċin il-Qala, u (d) x-Xagħra. Il-batterija tax-Xagħra kienet ħdejn ir-Razzett tal-Qasam fuq is-sies li jħares fuq iċ-ċimiterju tar-raħal. Il-kanun kien f'ħofra ta' barriera tat-torba wara l-ħitan tas-sejjieħ. Il-maxingan kienet fuq ir-razzett u s-suldati kienu jorqdu f'tined taħt il-ħarrub u għalhekk moħbija mill-ajruplani. Fis-sigħat bikrin tas-26 ta' Lulju 1943, is-suldati Amerikani tal-*536th C.A.Bn. A.A.* fetħu n-nar kontra l-ajruplani ta' l-għadu. Din kienet l-unika darba li Għawdex għamel difiża kontra l-ajruplani ta' l-għadu. L-ajrudrom sar ħuġġieġa ta' sparar kontra l-għadu li laħaq ħarab.

Il-bini ta' l-ajrudrom qanqal thassib fost xi Għawdxin. Dan ġara għax beżgħu li l-preżenza tiegħu se twassal għal għadd ta' attakki min-naħa ta' l-għadu. Għall-grazzja ta' Alla dan ma ġarax. Iżda l-bini ta' l-ajrudrom qanqal ħafna moviment f'Għawdex u kurżità fost l-Għawdxin, li qatt qabel ma kienu raw xogħol bħal dan isir b'ritmu daqshekk mgħaġġel u b'makkinarju li bħalu qatt ma raw.

Sa mill-bidu ta' Awissu 1943, wara li l-avvanzata alleata fi Sqallija kienet diġà qabdet ritmu favorevoli, il-ħtieġa ta' l-ajrudrom temporanju f'Għawdex naqset tant li wara l-5 ta' Awissu l-ajrudrom safa abbandunat. Is-suldati Amerikani li kienu stazzjonati f'Għawdex ġew l-għada trasferiti f'Malta. Il-kuntrattur bil-ħaddiema tiegħu baqgħu jaħdmu sakemm il-mitjar tnaddaf minn kollox. Wara, dawk l-għelieqi li fuqhom kien inbena l-ajrudrom ingħataw lura flimkien ma' kumpens lis-sidien tar-raba'. Biss it-torri storiku ta' Gourgion li kien twaqqa' biex jagħmel il-wisa' baqa' ma nbeniex. Skond ittra mibgħuta lil John Bezzina fis-16 ta' Frar 1959, Sir Keith Park minn New Zealand wieġeb li biex l-ajrudrom seta' jinbena, huwa kien ġab l-approvazzjoni ta' l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi.

## ESPERJENZA GĦAWDXIJA TAL-GWERRA

***Charles Bezzina, "Meta Karbet is-Sirena", Għawdex 2003, pp. 126***




Ftit anqas minn tliet snin wara li ppubblika *"Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-43"*, Charles Bezzina ssokta jżid it-tagħrif dwar il-gwerra f'Għawdex permezz tal-ktieb *"Meta karbet is-Sirena"*. Biss din id-darba l-ktieb jippreżenta xhieda ħajja rrakkuntata mill-Għawdxin li għexu l-esperjenza tal-gwerra. Għalkemm il-ktieb hu awtonomu, jista' jitqies ukoll bħala kontinwazzjoni ta' l-ewwel wieħed għax filwaqt li l-ewwel ktieb hu kollu riċerkat u dokumentat, dan il-ktieb isaħħaħ it-tagħrif kollu permezz ta' rakkonti minn fomm in-nies stess li ġarrbu l-gwerra u li għadhom ħajjin.

Il-ktieb hu maqsum f'żewġ partijiet. L-ewwel taqsima hi magħmula minn tifkiriet miġbura minn irħula differenti madwar Għawdex. Il-kontributuri diversi rrakkuntaw kif għexu matul dan iż-żmien ta' qtigħ il-qalb. Minn dawn ir-rakkonti, miktuba b'Malti meqjus, joħroġu aspetti differenti tal-ħajja Għawdxija li għandha l-karatteristiċi tagħha li jiddistingwuha mill-esperjenza Maltija. L-aspetti soċjali, reliġjużi, edukattivi u l-bqija kollha jitilgħu fil-wiċċ waqt li l-kontributuri jirrakkuntaw żmien tfulithom u żgħożithom. Fit-tifkiriet jinħassu sew l-effetti negattivi tal-gwerra li jekk ma jkunux laqtu direttament lil min qed jirrakkonta, ikunu laqtu lil ta' madwaru. Dan kollu xi drabi hu mżewwaq b'xejra emottiva li jinvolvi lill-qarrej għax iġiegħlu jħoss mill-qrib is-sehem tan-narratur li hu fiċ-ċentru tal-ġrajja.

It-tieni parti tikkonsisti f'sitt kapitli riċerkati b'aspetti differenti dwar il-gwerra li ma dehrux fl-ewwel ktieb. Għajr għall-aħħar kapitlu, l-awtur jattribwixxi l-ħames kapitli l-oħra għal missieru. L-istudji huma varji u ta' interess kbir, mhux biss għall-Għawdxin u għall-Maltin, iżda fuq kollox għall-istudjużi ta' l-istorja biex jissoktaw jistħarrġu oqsma diversi tal-ħajja Għawdxija f'dan il-perjodu ta' taqlib. Dawn l-istudji huma annotati b'riferenzi preċiżi li jiffaċilitaw xogħol l-istudjuż. Tikkumplimenta dawn l-annotamenti hemm il-biblijografija fi tmiem il-ktieb, li hi maqsuma skond in-natura tad-dokument ikkonsultat.

Ta' valur imprezzabbli huma r-ritratti awtentiċi ta' persuni li tilfu ħajjithom u ta' mkejjen imġarrfa. Ma' dawn wieħed ma jridx jinsa l-qoxra oriġinali tal-ktieb li tippreżenta ritratt ieħor ta' triq bil-bini kollu mġarraf fin-Nadur.

*"Meta karbet is-Sirena"* hu dokument ieħor ta' valur li jitfa' dawl fuq Għawdex fi żmien il-gwerra u jżid mat-tagħrif tal-ktieb ippubblikat qabel. Biex intenni dak li qal l-awtur stess fid-daħla, kien ikun qiegħed jonqos lill-poplu Malti u Għawdxi li kieku m'għamilx sforz u ġabar il-kuraġġ biex jippubblika dan il-ktieb li għandu jinteressa lil kull Malti u Għawdxi iżda fuq kollox hu għodda utli f'idejn l-istudenti u l-istudjużi ta' l-istorja. Għall-kollezzjonisti tal-*Melitensia* dan huwa ktieb ieħor utli xi jżidu fil-librerija tagħhom.

**Josette Attard**

**IL-VAGANZI TAS-SAJF GĦADDEW... LURA GĦALL-ĦAJJA NORMALI**

# Wara l-ġranet tal-festi...

L-awtur Don Alessandro Pronzato josserva li f'kull ħaġa umana, grandjuża u l-ġranet meraviljużi tant mistennija u tant ippjanati tajjeb, jitfaċċa l-għada.
U tiġi fuqek il-kriżi tal-għejja, tal-ħedla, tal-monotonija, tar-rutina tas-soltu. U tħoss vojt kbir (*"Il Vangelo in Casa Ciclo" B. Ediz Gribaudi p. 280*).

Dan jiġri fil-ġrajjiet kollha tal-ħajja. Jista' jiġri wkoll wara xi festa.

Il-festi sbieħ. Iżda, trid u ma tridx, il-festa tgħaddi u jisbaħ "l-għada"... lura għax-xogħol!

L-iskop ta' dan l-artiklu huwa doppju:-
1. Nagħtu valur lill-ġranet ferjali, daqs kemm nagħtu lill-ġranet tal-festa.
2. Nifhmu li l-ħajja nisranija titkejjel
   - mhux biss mill-attivitajiet kbar tal-ġranet tal-festa
   - iżda mill-ħwejjeġ żgħar tal-ġranet ferjali, jiġifieri tal-ħajja ta' kuljum.

**1. MARIJA: IL-MARA TAL-ĠRANET FERJALI** (l-Isqof Don Tonino Bello)
Id-Diġriet tal-Konċilju dwar l-Apostolat tal-Lajċi, paragrafu nru 4, jgħid;-
"Marija waqt li kienet fuq l-art għaddiet ħajja komuni bħal ta' l-oħrajn, kollha ħerqana għall-familja u għax-xogħol."

• **Marija , waqt li kienet fuq l-art...**
Mela mhux fis-sħab, ħsibijietha ma kinux fl-arja, iżda fil-ħwejjeġ konkreti tal-ħajja ta' kuljum.
Anke jekk il-Mulej spiss kien isejħilha "għall-estasi", dan ma kienx jeżentaha mit-taħbit u l-faċendi.

• **B'qalbha fis-sema, iżda riġlejha msammrin fuq l-art.**

Kienet tgħix ħajja komuni bħal ta' l-oħrajn
Bħall-ġirien tagħha:
• Kienet traqqa' u tinseġ.
• Tħit u tfassal.
• Tnaddaf u ssajjar.
• Tfisqi u tbennen lit-tarbija.
• Ttella' l-ilma mill-bir.
• Taqla' ż-żbul mill-għelieqi.
• Tintasab għall-frisk fl-istess bitħa u tistrieħ għajjiena wara ġurnata tmekkek, u twassal lit-tifel fit-tempju u tfittxu xħin titilfu.



**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

# Jiġu l-ġranet ferjali



**TALBA LILL-MADONNA - MARA TAD-DAR**

Sidtna Marija, mehdija fil-ħajja ta' kuljum:-

- għinna nifhmu li l-isbaħ kapitlu dwarek jinsab ... bejn l-erba' ħitan tad-dar tiegħek ta' Nazaret
- fejn int, bejn il-borom u l-insiġ
- bejn dmugħ u talb
- bejn kobob tas-suf u parċmini tal-Bibbja int għext bħal kull mara komuni u
- rajt ma wiċċek ward u xewk, biża' u tama, tlajja u nżul, ħelu u morr

Sidtna Marija, mara mehdija fil-ħajja ta' kuljum:-

-Eħlisna mill-ħolm li rridu nagħmlu ħwejjeġ kbar, u spettakolari.

- Għallimna nħarsu lejn il-ħajja ta' kuljum bħala l-laboratorju fejn nibnu l-qdusija tagħna, ġebla ġebla, jum wara jum.
- Ejja imxi spalla ma' spalla magħna, O Ħlejqa Straordinarja nnamrata u mehdija fil-ħwejjeġ normali tal-ħajja ta' kuljum.

**BĦALL-OMMIJIET L-OĦRA: GĦADDIET MINN KOLLOX!** Kellha problemi ta' mard u saħħa, xerrdet dmugħ u għaraq. Ħerqana għall-familja u għax-xogħol. Ma kellha l-ebda "raġġiera" madwar rasha. Mara bħall-oħrajn li tinkwieta meta Ġużeppi jonqoslu x-xogħol u hi trid tlaħħaq mal-ispejjes tal-ħajja.

---

**2.IL-QADDISIN SPEĊJALIZZATI FIL-ĦWEJJEĠ NORMALI**

- " Jekk jogħġobkom, ejjew naqtgħuha. Ma nħarsux biss lejn il-qaddisin bħala xi persunaġġi "speċjalisti" bil-ħwejjeġ grandjużi u għeġubijiet spettakolari..
- Il-Qaddisin huma:-

Professjonali fit-twettiq tad-dmirijiet ta' kuljum.
Esperti fil-ħwejjeġ komuni tal-ħajja ta' kuljum.
Speċjalizzati fil-qdusija ordinarja, jum wara jum.

- Il-qaddisin huma nies "kwalunkwe", tad-demm u l-laħam bħalna, li tgħallmu jagħmlu l-ħwejjeġ komuni li jagħmilhom kulħadd, b'imħabba straordinarja.
- Il-ħajja ta' kuljum, fl-aspetti kollha banali tagħha (faċendi, ħasil, tindif, eċċ) hija l-materjal għall-bini tal-qdusija.
- Il-ħajja ta' kuljum hija l-uniku "taraġ" biex nitilgħu u nilħqu l-quċċata tal-qdusija.
- Il-qaddisin ma kellhomx ġwienaħ imma waslu fejn waslu fil-qdusija billi xammru idejhom u stinkaw b'riġlejhom.

*Don Alessandro Pronzato*
*Il Vangelo In Casa, Ciclo A. p. 371.*

Jalla, n-nar ta' mħabbtek ma jkunx bħal **SUFARELL**
- nar li jintefa malajr
- nar li la jqabbad lil min imiss miegħu
- u lanqas isaħħan

*S.Josemaria Escrivà, mill-ktieb "It-Triq" nru 412*
*Aqra l-kapitlu 813-830 "Tqaddes bil-Ħwejjeġ Żgħar"*

**KULL MA NITLOB, KULL MA NAGĦMEL, U KULL MA NĠARRAB F'DAN IL-JUM... KOLLOX GĦALIK, O QALB IMQADDSA TA' ĠESU'**

**O Marija**

**Int qabel ma ġejt inkurunata Reġina tas-Sema blajt l-għabra u terraqt fost it-trab ta' din l-imsejkna art.**
(Mill-ktieb *"Maria Dei Nostri Giorni" tal-Isqof Don Tonino Bello, Ediz. San Paolo).*

# *Il-poeta li baqa' "tifel ħalliem"*

***Joe W. Psaila, XEHWAT, Għawdex 2003, pp. 164.***




*Dan l-aħħar, f'waħda mis-swali tal-Ministeru għal Għawdex ġie llanċjat it-tieni ktieb tal-poeżiji ta' Joe W. Psaila,* "Xehwat", *waqt serata ħelwa li matulha nqraw siltiet minn din il-pubblikazzjoni stampata b'mod tassew pulit għand J. de Bono Printing Press Ltd tan-Nadur.*

*Xtaqt nieqaf mument fuq l-isem tal-ktieb –* "Xehwat" *– li forsi mhux il-qarrejja kollha huma midħla tiegħu. Xehwat tfisser* birthmark; *tfisser ukoll li jkollok xewqa qawwija għal xi ħaġa.*

*Intant, kif jistqarr il-kritiku letterarju Joe Camilleri, "din id-damma ta' poeżiji tperreċ lil Joe Psaila, Għawdxi bl-għeruq u x-xniexel, bħala bniedem matur u ġentlom li baqa' fl-istess ħin it-tifel li joħlom, iċ-ċittadin għaqli li jifli t-tebgħat li jkerrhu lil ġismu u lil ġisem pajjiżu, waqt li jixxennaq għall-kisba ta' stat ta' perfezzjoni ċivili u spiritwali".*

*Il-poeta tagħna huwa l-osservatur fin, kritiku li jaħseb u janalizza. Jaf juża n-niggieża iżda dejjem bi prudenza ta' ġentlom. Il-poeta trabba u kiber f'soċjetà li kellha valuri kulturali korretti u għalhekk jinsab f'qagħda li jista' jxebbaħ il-lum mal-bieraħ, meta art twelidu donnha qalbet il-prijoritajiet tagħha.*

*Psaila trabba f'ambjent naturali safi li jixhed wiċċ il-Ħallieq, ambjent li ta' qabilna beżgħu għalih, sebbħuh u kattruh bil-ġebla Maltija li issa donnha qed tisparixxi. Il-poeta jħobb il-kwiet u mhux l-istorbju ta' l-inġenji, ifittex l-arja pura u jaħrab mid-dħaħen, u jippreferi l-għanja tal-bilbla mid-daqq sfrenat tal-karozzi.*

*Joe Psaila huwa wkoll l-osservatur tal-ħajja Maltija fl-intietef kollha tagħha u għalhekk jilmaħ iċ-ċittadin fid-diversi għamliet tiegħu: ix-xufier tax-xarabank li għalkemm mal-gabina taralu xi fanal inemnem quddiem ix-xbieha ta' xi qaddis, jaf ukoll jitlef l-erre; il-*wardens, *il-pulizija, il-mara tad-dar li ma tirrispetta xejn lid-dehra mill-għatba 'l barra ta' darha, u xeni oħra mill-ħajja ta' kuljum.*

*Il-poeta jitkellem ukoll dwar il-patrijottiżmu, ingredjent li ħafna drabi niesna għadhom ma fehmuhx. Bħal kulħadd, il-poeta huwa bniedem tad-demm u l-laħam li l-problemi personali u spiritwali jagħfsu fuq moħħu.*

*F'waħda mit-taqsimiet tal-ktieb tiegħu, il-poeta jistqarr in-nostalġija u jibdew ifeġġu quddiem għajnejh ir-ritratti ta' l-imgħoddi. It-tfal saru nisa u rġiel u forsi wkoll nanniet. Il-poeta jagħmel riferenza għat-triq ta' wara ta' Gedrin li llum tilfet ħafna mill-karatteristiċi tagħha u issa ma baqax fiha ħlief iħirsa ta' l-imgħoddi. Din it-triq tfakkru, fost ħwejjeġ oħra, fil-mewt ta' missieru u x'ġarrab ta' tifel li kien fost ħutu iżgħar minnu. Minn din il-poeżija u oħrajn toħroġ ir-relazzjoni li għandu ma' Alla, mibnija fuq il-konvinzjoni tal-fidi u fuq is-sinċerità.*

"Xehwat" *hija ġabra ta' poeżiji mhux komuni. Għalkemm forsi llum ktieb tal-poeżiji ma jsibx suq tajjeb biżżejjed, nemmen li dan it-tieni ktieb ta' Joe W. Psaila għandu jintlaqa' tajjeb minn dawk kollha li jħobbu l-letteratura Maltija. L-esperjenza tal-poeżija għall-poeta li jemmen, m'hi xejn għajr l-esperjenza tal-laqgħat tiegħu ma' Sid il-Ħolqien fil-proxxmu tiegħu, fl-ambjent nadif, fil-ħsus tal-qalb u fl-aħħarnett, meta l-ħajja titwaħħad ma' l-Eternità.*

***Kav. Joe M. Attard***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO, MALTA
TEL : (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX : (356) 2156 0133
e-mail : tokk@johnportelli.travel.com.mt

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA
TEL : (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX : (356) 2124 7536
e-mail : sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Għawdex 300 sena ilu

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -116

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2003

# ID-DOTA TA' SANTA MARIJA

Id-dokument numru mija u sbatax li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu r-riżultat tat-tlugħ bix-xorti ta' dota, dota li kellha tingħata fil-15 ta' Awissu 1703, tliet mit sena ilu. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798), manetta (1702-1703), folju 18r (NAG, UG, Acta, 9/1701-1702, f. 18r).

Din li ġejja hi t-traskrizzjoni tad-dokument.

**Essendo more solito ballottare nella Veneranda Matrice e Collegiata Chiesa di quest'Isola del Gozo diverse zitelle ad effetto che ad una di esse, a chi toccarà la sorte, conseguirà l'elemosina sudetta di scudi venti quattro e tarì cinque che dett'Università da annualmente in sussidio di suo maritaggio; che servirà dett'elezione per l' effetto da matrimoniarsi, lì, 15 agosto 1703.**

**Toccò la sorte a' Vittoria figlia di Archangelo Formosa et Innocenza Giugali per l'ademipimento, come sopra, del 1703.**

Hi drawwa fiż-żwieġ Malti, u mhux Malti biss, li xebba tieħu d-dota magħha meta tħalli dar il-ġenituri biex tingħaqad ma' l-għarus. Id-dota tikkonsisti f'dak kollu li jagħtu l-missier u l-omm lil binthom għarusa meta tiġi biex tiżżewweġ; din l-għotja tista' tkun flus, għamara, u ġhież. Ġhież tfisser bjankerija u dehbijiet, u dawn kienu komponent ewlieni tad-dota.

Fil-bidu tas-seklu tmintax, tliet mit sena ilu, kien hemm numru kbir ta' nies li jgħixu fil-faqar u fil-għaks. Allura kien ikun hemm iktar minn għarusa waħda li xtaqet tiżżewweġ u ma setgħetx. Missierha u ommha kienu jkunu fqar wisq biex jipprovdulha d-dota. Kien ikollha toqgħod tistenna żminijiet aħjar. Kien hemm min kien jixba' jistenna u jħarrab lill-għarusa u jiżżewwiġha b'mod klandestin.

Xi erwieħ tajba, konxji minn din il-problema, ippruvaw joffru l-għajnuna tagħhom billi għamlu fundazzjoni ta' dota. Jiġifieri kienu jħallu biċċa raba' jew inkella somma flus biex mill-flus tal-kera tar-raba' jew mill-imgħax fuq il-flus, tintgħażel tfajla fqira darba fis-sena ħalli tingħata dota minn din il-fundazzjoni.

Waħda mid-doti ewlenin ta' Għawdex, kemm fil-qedem tagħha, u kemm fil-konsistenza tagħha, kienet id-dota ta' Santa Marija. Din id-dota twaqqfet minn fundatur li s'issa għadu m'hux magħruf, fil-bidu tas-seklu sittax. Id-dota kienet amministrata mill-Universitas ta' Għawdex.

Id-dota kienet tingħata taħt ħafna kundizzjonijiet. L-ewwel, setgħu japplikaw għaliha tfajliet għarajjes Għawdxin. It-tieni, dawn it-tfajliet kellhom ikunu ulied ta' familji fqar, familja li l-missier ma kellux dħul fiss u lanqas proprjetà. It-tielet, l-applikazzjonijiet riedu jsiru sat-8 ta' Settembru ta' kull sena. Ir-raba', it-tlugħ bix-xorti ta' l-għarusa kellu jsir fil-knisja Matriċi ta' Għawdex b'mod pubbliku nhar il-festa tan-Nativitá tal-Madonna jew il-Bambina. L-aħħar kundizzjoni, l-għarusa riedet tiżżewweġ fil-Matriċi Kolleġġjata ta' Għawdex fl-awrora ta' jum Santa Marija.

Ix-xorti għad-dota ta' Santa Marija fl-1703 messet lil Vitorja, bint Arkanġlu Formosa u Innoċenza Giugali. Kienet, kif ktibna, dota tajba ħafna ta' 24 skud u ħames irbiegħi; 5.13 Ewro jew madwar paga ta' ħames xhur ta' ħaddiem dik il-ħabta.





# L-Eżistenza t'Alla fit-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

## 9. Il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni

Il-Fidi Nisranija hi mibnija fuq ġrajja storika li tikkonsisti fil-ħajja, il-ħidma, ix-xandir tas-saltna, il-passjoni, il-mewt u r-riżurezzjoni ta' Ġesù Kristu għaliex kif jgħallimna San Pawl (1 Kor 3,11) "Ħadd ma jista' jqiegħed sisien oħra barra minn dawk li huma mqiegħda, jiġifieri Ġesù Kristu".

L-Iben t'Alla, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa, sar bniedem bħalna biex jifdina minn taħt is-setgħa tal-ħażen. F'dawn il-ftit kelmiet hemm miġbura l-misteri tal-persuna ta' Kristu u ta' l-opri jew għemil tiegħu, il-Verb Inkarnat.

Meta waslet il-milja taż-żminijiet, l-Iben t' Alla, li kien minn dejjem, sar bniedem fi ħdan il-Verġni Mqaddsa Marija u twieled għalina, imqanqal minn imħabbtu lejna. Fil-persuna tiegħu tal-Verb Divin, huwa għaqqad żewġ naturi, in-natura divina u n-natura umana. L-Iben Etern t'Alla, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa, sar bniedem bħalna billi ħa ġisem u ruħ li jixbhu lil tagħna, daħal fis-soċjetà u fl-istorja ta' l-umanità. Meta seħħ dan, twettqet l-ikbar ġrajja fl-istorja tad-dinja.

### Misteru kbir

Ta' min jgħid qabel xejn li l-Inkarnazzjoni tal-Verb hija misteru kbir u moħħ il-bniedem mhux lakemm jifhem u jwieġeb għad-domanda: "Jekk Ġesù kien Alla, kif jista' jkun bniedem ukoll?". Il-pagani tal-Greċja Antika kienu jaħsbu li l-allat tagħhom kienu jinżlu fid-dinja u jimxu fost il-bnedmin, iżda qatt ma setgħu jifhmu kif Alla jkun jista' jitbaxxa tant li jsir bniedem u jkun parti mill-univers materjali.

Ma nistgħux nifhmu kif l-Iben t'Alla fil-kobor u l-maestà tiegħu, seta' jitbaxxa u jinżel daqshekk li jieħu fuqu n-natura tagħna midinbin. Dan hu misteru li jissejjaħ il-"Misteru ta' l-Inkarnazzjoni", jiġifieri seħħet l-unjoni jew għaqda tan-natura divina man-natura umana fil-persuna unika tal-Iben t'Alla; din l-għaqda tissejjaħ ukoll "Unjoni Ipostatika".

Aħna nemmnu dan il-misteru, mhux għax nifhmuh jew xi ħadd jista' jfissirulna, iżda għaliex Alla rrivelah lilna, u aħna noqogħdu fuq ir-rivelazzjoni u l-kelma t'Alla, li la jista' jqarraq u lanqas jitqarraq, mela la jidħol fl-iżball Hu u lanqas idaħħal lil ħaddieħor.

Il-ġisem tal-Verb magħmul bniedem ġie ffurmat fil-ġuf safi tal-Verġni Mbierka, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, li għaqqad ukoll ma' dak il-ġisem ir-ruħ li hija l-iktar perfetta fost dawk tal-kreaturi.

L-Iben t'Alla magħmul bniedem jissejjaħ Ġesù Kristu kif kien ħabbar l-Anġlu lil Marija: "Int se titqal u jkollok iben u ssemmih Ġesù" (Lq1,31). Ġesù jfisser Feddej jew Salvatur, u dan l-isem ġie mogħti lill-Iben t'Alla magħmul bniedem għaliex Huwa kellu l-missjoni li jsalvana u li jeħles lill-bnedmin mill-jasar tad-dnub u mill-kastigi mistħoqqa għad-dnubiet. Ġesù Kristu huwa l-għaqda ta' żewġ ismijiet, iżda ma għandniex nistħajluh qisu l-isem proprju u l-isem tal-familja jew il-kunjom, iżda huwa pjuttost stqarrija l-iktar sintetika u fundamentali tal-Fidi Nisranija. L-Imsallab Ġesù ta' Nażaret, li ppreżenta ruħu bħala dak li huwa l-uniku medjatur definittiv tas-saltna ta' Alla (Lq11,20) u proprju għalhekk għaliex ippretenda li huwa l-Messija, ġie mogħti f'idejn ir-Rumani u kkundannat għal-mewt tas-salib; Huwa dak l-istess wieħed li ġie mqajjem mil-mewt minn Missieru, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, u permezz ta' hekk, ġie kkonfermat it-titlu tiegħu bħala Kristu.

Il-kelma "Kristu" tfisser midluk jew ikkonsagrat, għaliex fih ġiet imsawba effużjoni l-iktar kotrana tad-doni prezzjużi ta' l-Ispirtu s-Santu. Ġesù Kristu mela, huwa l-Iben t'Alla li sar bniedem.

Din il-verità, sa mit-Tradizzjoni Nisranija l-iktar bikrija, il-komunitajiet insara ħarsu lejha minn żewġ direzzjonijiet opposti; hekk li nistgħu ngħidu li l-misteru tal-Verb Inkarnat, hemm żewġ modi kif tidħol għalih; xi wħud telqu mill-umanità ta' Kristu u oħrajn bdew mid-divinità, iżda t-tnejn riedu jaslu għall-konklużjoni waħda li Kristu huwa tabilħaqq Alla u tabilħaqq bniedem, imma huwa wieħed fih innifsu.

### Ereżiji

Din id-diskussjoni wasslet ukoll għal żewġ ereżiji opposti; waħda tiċħad in-natura t'Alla fi Kristu u l-oħra n-natura umana. Il-kurrenti doċetisti u injostiċi kienu jimminaw ir-realtà u l-integrità ta' l-umanità ta' Kristu.



Fl-ewwel sekli kienu d-Doċeti jew Doċetisti li ċaħdu l-umanità ta' Kristu, u kienu jaħsbu li hu deher biss bħala bniedem imma ma kellux il-ġisem u r-ruħ ta' bniedem. Id-Doċetiżmu kienet tendenza fil-Knisja li kienet tqis l-umanità ta' Kristu u t-tbatijiet ta' Kristu fuq l-art iktar bħala apparenza jew dehra minn barra milli realtà vera. Fost id-Doċeti jew Doċetisti kien hemm Ċerintu u Serapion.

L-Injostiċi kienu jgħidu li l-funzjoni ta' Kristu kienet dik li jkun il-mibgħut ta' Alla suprem biex iġib l-injosi, jew rivelazzjoni jew l-għarfien lill-bniedem. Bħala esseri divin, Kristu ma hux ġisem uman veru u lanqas miet, iżda għal xi żmien kien jgħix fi bniedem jew ħa sura ta' bniedem bħalma jiġri fid-dehriet ta' l-anġli. Kontra l-Injostiċi, kitbu Sant'Irinew, Tertulljanu u Ippolitu.

Il-Monofisitiżmu huwa d-duttrina li żżomm li fil-persuna ta' Kristu inkarnat kien hemm biss natura waħda, in-natura divina, fil-waqt li skond it-twemmin kattoliku, fi Kristu hemm żewġ naturi, mhux biss in-natura divina, iżda wkoll in-natura umana. Eutiches (miet fis-sena 454) li kien Monofisita ġie kkundannat fil-Konċilju ta' Kalċedonja.

L-Arjaneżmu, minn Arju, il-fundatur ta' din is-setta, kien ixerred l-ereżija li ċaħdet id-divinità ta' Kristu, għax kienet tgħallem li l-Verb ta' Alla ġie maħluq minn Alla fiż-żmien u fil-milja taż-żminijiet, wera ruħu fil-ġisem għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Ma kienx bniedem, iżda kellu biss ġisem uman, u mhux natura umana sħiħa, magħmula mill-ġisem u mir-ruħ. Skond din l-opinjoni, Krisu huwa esseri intermedjarju li jgħaqqad fil-persuna tiegħu, l-bniedem ma' Alla, iżda la kien Alla veru u lanqas bniedem veru.

Apollinare ta' Laodicea (310–390) irriduċa ħafna l-umanità ta' Kristu għaliex kien isostni li Kristu kellu ġisem uman, u l-fakultajiet inferjuri tar-ruħ, iżda ma kellux ruħ umana spiritwali.

In-Nestorjanizmu, l-ereżija ta' Nestorju (miet fis-sena 451) u tas-segwaċi tiegħu li kienet iżżomm li Kristu inkarnat ma kienx persuna waħda kif kienet tgħallem il-Knisja iżda kien żewġ persuni separati minn xulxin. In-Nestorjani kienu jiċħdu wkoll it-titlu ta' *"Theotokos"* (Omm Alla) li jingħata lill-Madonna.

## Konċilji Kristoloġiċi

Biex jiġi evitat kull periklu li tiġi miċħuda waħda miż-żewġ naturi fi Kristu, id-divinità jew l-umanità tiegħu, il-Knisja affermat b'mod ċar l-integrità taż-żewġ naturi. Il-Konċilji Kristoloġiċi ta' l-ewwel ħames sekli kellhom quddiemhom din il-biċċa xogħol iebsa li jfissru, b'termini ċari, l-unjoni jew l-għaqda misterjuża taż-żewġ naturi f'persuna waħda.

Is-Simbolu, jew Stqarrija tal-Fidi li approva l-Ewwel Konċilju Ġenerali ta' Niċea (325 A.D.) jafferma d-divinità (stretta) ta' (Kristu) l-Iben t'Alla li huwa ħaġa waħda mal-Missier u jagħmel enfasi fuq l-umanità ta' Kristu li hija reali u sħiħa. Il-Papa Damasu I irrifjuta d-duttrina ta' Apollinare f'diversi dokumenti tiegħu, u fisser li l-umanità ta' Kristu kienet magħmula mill-ġisem u mir-ruħ, bil-fakultajiet tagħha inferjuri u superjuri. L-ewwel Konċilju Ġenerali ta' Kostantinopli, (381) għallem iż-żewġ veritajiet, b'mod iżjed ċar u iktar dirett mill-professjoni tal-Fidi ta' Niċea u jgħid dwar il-Verb, "Huwa ħa l-ġisem u sar bniedem...".

## Nicea, Kostantinopli

L-iżvilupp fil-kontroversji Kristoloġiċi huwa evidenti fil-Konċilji li saru f'dik l-epoka u li fihom ġew mogħtija xi definizzjonijiet. Il-Konċilju ta' Ruma taħt il-Papa Damasu I, fis-sena 382, ittratta l-iżbalji kollha dwar il-persuna ta' Kristu, li kienu nqalgħu sa dak iż-żmien; għalhekk ikkundanna l-filjolanza doppja ta' Kristu, jiġifieri li hemm iben doppju, wieħed qabel iż-żmien u l-ieħor wara li ħa l-ġisem minn Marija Verġni.

Il-Konċilju Ġenerali ta' Efesu (431) għallem li fi Kristu hemm persuna waħda, li huwa l-Emanweli, mela Alla veru li sar bniedem, u għalhekk il-Verġni Marija hija Omm Alla.

L-Ittra Dommatika *(Tome)* tal-Papa Ljun I kontra Eutiches (491) fiha d-duttrina l-iktar ċara dwar l-inkarnazzjoni, li kient dehret sa dik id-data.

Il-Konċilju ta' Kalċedonja (451) ħa deċiżjonijiet dommatiċi solenni dwar iż-żewġ naturi ta' Kristu, magħqudin fit-Tieni Persuna Divina (kontra l-Monofisitiżmu).

It-Tieni Konċilju Ġenerali ta' Kostantinopli (553) waqt li kkundanna l-iżbalji ta' Ibas ta' Edessa, Teodoriku ta' Ċipru u Teodoru ta' Mopswestja, ta l-anatema lil dawk li ma jistqarrux li l-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li f'ġismu ħa l-mewt tas-salib, huwa veru Alla u Mulej tal-Glorja, u wieħed mit-Trinità Qaddisa.

Il-Konċilju tal-Lateran taħt il-Papa Martin I, li fih ġie kkundannat il-Monoteliżmu, afferma d-duttrina li fi Kristu hemm żewġ prinċipji attivi u żewġ ridiet, ir-rieda divina u r-rieda umana.




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tmintax-il Parti )*

**(Ikompli mill-ħarġa ta' qabel)**

## *MARD TA' L-UĊUH TAR-RABA' U TAS-SIĠAR*

Din it-taqsima tal-kitba tagħna se jkun fiha ħafna ismijiet ta' mard u tagħrif dwar kif nagħrfu dan il-mard. M'hux l-iskop tagħna li ngħidu kif jista' jitrażżan jew jinqered dan il-mard, għax din hija ħaġa teknika, u l-iskop ta' din il-kitba m'hux wieħed tekniku, imma wieħed lingwistiko-folkloristiku. Dan it-tagħrif li se nagħtu ħadnieh minn diversi kitbiet imxerrdin 'l hawn u 'l hinn f'rivisti u ġurnali dwar il-biedja. Ħadna wkoll tagħrif mingħand il-bdiewa tagħna u nies oħra dilettanti tar-raba' u tal-ġonna, kif ukoll tal-bhejjem. Insemmu, imma, xi rimedji ħfief u komuni dwar it-trażżin ta' xi mard, u ngħidu wkoll xi ħaġa dwar xi metodi tradizzjonali li m'għandhom ebda bażi xjentifika, ħlief bħala kurżità folkloristika.

F'din il-kitba se nsemmu wkoll xi wċuh li llum m'għadhomx jinżergħu, bħal ngħidu aħna l-kemmun u l-qoton. Se nitkellmu fuqhom daqs li kieku għadhom jitkabbru fi żmienna.

### *1. Mard tax-Xtieli, Pjanti u Wċuh tar-Raba'*

Il-mard tax-xtieli, pjanti, siġar tal-frott, u wċuh oħra aktarx ikun ikkawżat minn ħlejjaq oħra żgħar, jew mhux żgħar wisq, kif ukoll parassiti li jgħixu minn fuq xtieli oħra. Biex wieħed jifhem aħjar x'aħna ngħidu, se nsemmu dawk il-ħlejjaq żgħar li jikkawżaw il-mard, bl-isem qadim, u anki mhux qadim wisq tagħhom, u ngħidu wkoll xi ħsara jagħmlu f'xi prodotti, u xi rimedji, l-aktar dawk folkloristiċi. B'dana kollu, kif għidna, rari se nirrikmandaw xi bexx, billi dan m'hux il-qasam tagħna. U dwar dan irridu ngħidu li wieħed irid joqgħod ħafna attent meta jkun se jbixx, speċjalment bil-kimika, ħalli mhux biss ibixx sewwa u kif suppost, imma fl-istess ħin ma jagħmilx ħsara u la lil insetti oħra li huma tajbin u lanqas lilu nnifsu jew lil min jikkonsma l-prodott.

### *2. Il-Mell jew il-Mess*

Hemm diversi kwalitajiet ta' mell, bħal ngħidu aħna **mell dqiqi** magħruf mill-bdiewa bħala **bewl il-ħmir**, u **mell tat-tadam**. Il-mell ikun ikkawżat minn fungu rqiq ħafna, imsejjaħ ukoll *faqqiegħ* jew *moffa*, xi drabi qisu trab, li l-ispori tiegħu jittajru u jinsabu kważi kullimkien.

**a. Mell tal-ħmiemel tat-tadam** jidher fuq it-tadam jekk il-ħammiela tkun sfiqa u umda. Dan aktarx jiġri meta wieħed jiżra' l-ħammiela b'żerriegħa aktar milli suppost. Is-sieq tax-xitla tisfar u tiswied taħt l-ewwel żewġ werqiet, u wara, ix-xitla tinkiser, taqa' u tmut.

**b. Mell tat-Tadam**. Il-mell tat-tadam hu kkaġunat minn brimba hekk ċkejkna, li anki meta tkun imlaħħqa, tkun żgħira wisq biex tkun tista' taraha mingħajr mikroskopju. Tattakka bl-aħrax ix-xitel tat-tadam matul is-sajf. Il-weraq tal-pjanti attakkati ma jibqax aħdar ileqq, imma jsir lewn il-bronż safrani ta' għamla matta, u l-pjanti jkunu jidhru dgħajfin u morda, donnhom bil-għatx.

Fiz-zkuk tidher għabra lewn is-sadid li ġie li tinsab ukoll fuq il-frott, l-aktar fejn it-tadama tkun imwaħħla mal-fergħa, jiġifieri fil-warda tagħha.

*Rimedju*: Ix-xitel għandu jiġi mgħabbar bil-kubrit kull għaxra jew erbatax-il ġurnata. It-tgħabbir għandu jibda jsir mill-bidu ta' Mejju, hekk kif jibda jisħon it-temp. L-aħjar ħin biex tgħabbar bil-kubrit ikun filgħodu kmieni għax inkella l-kubrit li tkun għabbart itir mar-riħ. Barra minn dan, tgħabbir bil-kubrit matul il-ġurnata jista' jagħmel ħsara lill-pjanti.

**ċ. Bewl il-ħmir tal-Kemmun** (Mell dqiqi)
Il-mard tal-mell tal-kemmun jibda kmieni fir-rebbiegħa, wara li l-kemmun jintnaqax u x-xitla tkun għoliet m'ogħla subgħajn jew tlieta. Għall-ewwel il-mell jitfaċċa bħal baqqigħat jew tbajja' ta' xtieli morda 'l hawn u 'l hemm mal-għalqa, u jekk it-temp jibqa' umdu u bir-riħ isfel, dawn it-tbajja' jinfirxu mal-għalqa kollha. Dan il-mell jagħmel ħsara kbira lill-kemmun, hekk li xi drabi l-wiċċ idum jintilef għal kollox u l-bidwi jista' jaħrat u jżarma kollox. Il-prodott ikun intilef u l-bidwi ma jiġbor xejn. Iż-żerriegħa tal-kemmun mimsusa bil-mell issir bajdanija, bħallikieku mnawra u mgħabbra bid-dqiq, tinxtorob, tħeff, u titħaffef minn ġewwa. L-

aroma jew ir-riħa tfuħ tagħha tintilef u tispiċċa għal kollox. Il-prodott ġeneralment ikun ħażin kemm fil-piż u kemm fil-kwalità.

Jekk il-marda tieqaf u ma tibqax tirgħa mal-għalqa kollha, il-bidwi jkollu jdur waħda waħda dawn it-tbajja' bojod bi xtieli morda, u jaqla' x-xtieli, jiġmagħhom u jaħraqhom.

Dan kien isir l-ewwel nett biex il-marda ma tibqax tixtered, u t-tieni biex meta l-wiċċ ikun imlaħħaq u jasal biex jinġama' u jindaqq, iż-żerriegħa l-marida ma titħallatx maż-żerriegħa l-qawwija u sħiħa, għax inkella meta jiġi biex ibigħ, lill-bidwi jnaqqsulu l-prezz.

Il-mell dqiqi tal-kemmun kien jista' jitrażżan billi wieħed jagħti l-kubrit fil-ħemda ta' filgħodu, u jekk kienet tkun ħarira nida kien ikun aħjar għax il-kubrit kien jaqbad iżjed. Kien rakkomandat il-kubrit ramat, billi dan ikun fih ukoll minn 2 sa 3 fil-mija kupru biex iħares ix-xitla minn mard ieħor minbarra l-mell. Il-kubrit kien jingħata qisu kull għaxart ijiem. Iżda l-kubrit ramat ma kienx jingħata iżjed wara li x-xitla tal-kemmun tiżhar, imma kien jingħata biss kubrit pur. Ir-raġuni kienet biex ma jkunx jista' jiġri li ż-żerriegħa tal-kemmun titħammeġ xi ftit bil-kupru, u għalhekk issir difettuża għal dak li hu kummerċ.

**d. Il-mell dqiqi tal-ħlewwa**. Il-ħlewwa timtess ukoll bil-mell dqiqi jew bewl il-ħmir, u tbati daqs il-kemmun jew iżjed. L-istess rimedju għall-kemmun jiswa wkoll għall-ħlewwa.

**e. Mell Abjad**. Il-bewl il-ħmir jew **mell abjad** jattakka wkoll il-weraq tad-**dwieli** u mill-weraq jinżel għall-frott. Dan il-mell huwa komuni wkoll fuq l-uċuħ **tal-kromb** meta jkun għadu xitel. Jattakka wkoll il-bħajra, il-qargħa u l-ħjar, kif ukoll is-silla.

f. Il-**mell tal-kappar** jattakka l-aktar kappar ikkultivat minħabba li l-kappar li jikber waħdu ma tantx jimtess. Dari kienu jbixxuh bil-*Bordinette* jew mistura tal-kupru, malli tidher il-marda. Jekk il-marda tkompli tixtered wieħed kien ikun aħjar għalih jekk jeqred il-pjanti nfushom.

**ġ. Mell Dqiqi tal-Għeneb**. Mard tal-fungu li jattakka l-għeneb fil-gżejjer Maltin, l-aktar meta jagħmel temp sħun u xemx għall-aħħar ta' Mejju sa l-aħħar ta' Awissu. Rari jattakka l-weraq tad-dielja. L-attakk jikkaġuna għabra ta' lewn griż bajdani fuq il-qoxra tal-għeneb u għall-ewwel ma tantx ikun jidher. Dan il-mell jgħix fuq il-qoxra tal-għenba u bil-mod il-mod joqtolha. Minħabba f'hekk, meta l-għenba tipprova tikber, il-qoxra ma tkunx tista' tikber magħha għax tkun marida jew mejta u tixxaqqaq.

## *3. Is-sadid jew in-nogħra*

Is-sadid jew in-nogħra hu tip ta' moffa ta' lewn is-sadid li tattakka l-aktar il-qmuħ, il-ful, u pjanti oħra.

Fix-xahar ta' Marzu nintebħu li l-weraq tal-ful min-naħa ta' taħt ikollu tbajja' żgħar imgħabbrin b'għabra kannella fl-aħmar. Dawn it-tbajja' jkunu kważi tondi u wesgħin kważi kwart ta' pulzier. Dawn jidhru l-aktar meta t-temp, fil-bidu tar-rebbiegħa, ikun xott u sħun. Dawn it-tbajja' jkunu kkaġunati minn fungu li meta jkun attakka l-pjanta bl-aħrax mhux lakemm trażżnu. Imma wieħed għandu kemm jista' jkun iżomm il-mard tas-sadid imrażżan sakemm il-wiċċ ikun qiegħed jilħaq. Meta l-wiċċ ikun ġie ħafna 'l quddiem u jiġi attakkat minn dan il-fungu, ma tantx hu probabbli li jnissel ħsara.

## *4. It-Taħsir*

Dan il-mard jagħmel ħsara lil ħafna għamliet ta' pjanti u jista' jkun ukoll kaġun ta' qerda kbira tant fuq id-dwieli u tant fuq il-għeneb għall-ħabta ta' l-aħħar ta' Awissu u l-bidu ta' Settembru.

L-għeneb isir lewn kannella u jitħassar. Ix-xniexel



tal-għanqud sikwit jintmessu u jibdlu lewnhom u minn ħodor isiru kannella. L-għeneb kollu li jkun hemm fil-għanqud 'l isfel mill-parti l-mimsusa tax-xenxul, jinxtorob. Dan il-mess ikompli jikber meta l-għanqud ikun marsus ħafna, meta l-għenba tkun immerrqa żżejjed u meta jkun hemm xi attakk fuq l-għeneb mis-susa tal-għeneb.

Meta d-dwieli jkollhom weraq sfiq, tajjeb kieku jitħaffilhom ftit matul is-sajf. Il-ħsara tista' tiġi mnaqqsa sewwa fid-dwieli kkultivati fil-beraħ jekk dawn jintrefgħu fuq il-***frieket tal-qasab*** b'mod li ebda għanqud ma jkun imiss ma' l-art.

### *5. Taħsir u ġlata*

**a. Taħsir u l-ġlata** tat-tadam. It-taħsir imiss ix-xitla tat-tadam meta tkun kibret u waslet biex tagħmel il-frott. Il-ġlata tmiss l-istess bħalma tmiss il-patata. Il-weraq jew il-frott jagħmel tebgħa tiswied u tinten sakemm tilħaq iz-zokk u tinfirex fuq il-weraq.

Il-mard tal-ġlata jista' jagħmel ħsara lill-imxietel tat-tadam matul ir-rebbiegħa billi jikkaġuna tbajja' suwed fuq il-weraq.

Iżda l-mard tal-ġlata fuq it-tadam ma jattakkax bis-serjetà qabel Ottubru, meta l-biċċa l-kbira tax-xitel għat-taħwil fil-beraħ fil-ħarifa u fix-xitwa jkun diġà ġie mħawwel f'dan iż-żmien.

Xitel imħawwel bikri biex ilaħħaq il-frott għall-aħħar ta' April jista' jiġi attakkat mill-mard tal-ġlata matul ix-xhur ta' Frar u Marzu. Jekk it-temp ikun umdu jiffavorixxi l-attakki.

Mill-banda l-oħra, fuq uċuh aktar imwaħħrin, il-periklu tal-mard tal-ġlata jonqos.

### *b. It-Taħsir taz-Zokk*

Minħabba dan il-mard, il-pjanti fil-mixtla, ħabta u sabta, jidbielu u jitmantru. Jekk tifli z-zokk għandek issibu bit-taħsir preċiż ma' wiċċ il-ħamrija. Dan it-taħsir aktar tard inixxef iz-zokk.

Biex inaqqas dan il-mard il-bidwi m'għandux jagħmel l-imxietel dejjem fl-istess post. Meta x-xitel ikun iffullat, it-taħsir aktar jinfirex malajr.

### *ċ. Il-Marda tas-Sieq* (tat-tadam)

Il-marda tmiss biss iz-zokk, l-ewwel juri tebgħa tawwalija sewda minn naħa, u mbagħad jitħassar u jinten, u jaqta' x-xitla mill-għerq.

### *d. Il-ġlata tal-patata*

Il-ġlata tal-patata tidher l-iżjed fuq il-patata bikrija tar-rebbiegħa. Il-ġlata tkun ikkawżata minn fungu jew tinwir li jnixxef il-weraq u z-zokk u jħassar il-frott. Fuq il-weraq l-ewwel jidhru tbajja' li jibdew jiswiedu u jinfirxu mal-werqa kollha. Imbagħad il-weraq u l-faxxina jitħassru u jintnu. Iż-żerriegħa tal-fungu (spori) tidher fuq il-weraq bħal għabra li mbagħad ittir mal-fewġa tar-riħ u ċċappas ir-raba' kollu tal-qrib.

Il-mard tal-ġlata jidher l-iżjed wara li jagħmel temp umdu jew tax-xita u jikkaġuna tbajja' kannella skuri fuq il-weraq u z-zkuk tal-faxxina. Il-patata l-ġdida tista' tittebba' wkoll fil-qoxra tagħha n-naħa li tkun l-eqreb lejn wiċċ il-ħamrija, u wara sikwit jiġri li tinħakem minn mess ieħor u titħasar.

### *6. Mell tad-Dwieli (imsejjaħ ukoll Mell Abjad)*

Dan huwa mard ikkawżat minn attakk tal-fungu. Fil-gżejjer tagħna l-fungu jattakka l-għeneb meta jagħmel temp shun u xemxi għall-aħħar ta' Mejju sa l-aħħar ta' Awissu

Dan il-mell dqiqi l-ewwel ma jattakka l-weraq tari u minn hemm jixtered għal fuq l-għenieqed tal-għeneb. Għal xi raġuni dan il-mell rari jattakka l-weraq il-kbir. Jidher qisu dbabar bojod u trab abjad fin jew griż bajdani (l-ispori tiegħu) fuq il-qoxra tal-għeneb. Meta jkun jattakkat b'din il-marda l-għeneb jinqasam u ma jkun jiswa għal xejn. Biex jilqgħu kontra dan il-mard il-bdiewa jużaw il-***kubrit ramat.***

### *7. Il-Peronospora tad-Dwieli*

Din il-marda tad-dwieli hija marda kkawżata mill-fungi u daħlet f'dawn il-gżejjer fl-1889. Tattakka l-weraq tad-dwieli bejn April u Mejju meta t-temp ikun għadu kemxejn frisk u niedi. Meta tagħmel xi rebbiegħa niedja, l-attakki jkunu eħrex.

Għall-ewwel il-weraq attakkat juri tebgħa ċkejkna lewn isfar mitfi min-naħa ta' fuq. Jekk wieħed iħares għan-naħa ta' taħt ta' dik it-tebgħa, għandu jsib fil-weraq tebgħa bajda qisha għabra. Aktar tard it-tebgħa tisfar imbagħad għal Ġunju jew Lulju tisfar u tidbiel.

Il-bdiewa kienu jaħsbu li sakemm tattakka l-weraq biss ma jimpurtax. Issa jekk jiġi staġun ħażin tista' tgħid il-weraq kollu tad-dielja jidbiel b'dan il-mod, u jekk l-attakk ikun aħrax, jistgħu jintmessu wkoll l-għenieqed tal-għeneb.

Tajjeb li kieku wieħed jilqa' għal din il-marda qabel ma tilħaq tidħol 'il ġewwa. Dari kienu jbixxu bil-*mistura burduliża* kif suppost. Din issir billi wieħed iħallat il-ġibs virġni msoffi u magħmul ħalib mal-kupru maħlul fl-ilma f'xi mastella kbira li tesa' xi erba' bramel ta' l-inbid skond riċetta apposta.

*(Jissokta)*




SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full 'A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



**Da Luigi's**
**Restaurant & Wine Bar**
*For the finest food & best selection of wines*
30 Manoel De Vilhena Street,
Mġarr - Gozo
Tel: 2155 8681 / 2156 1316
Fax: 2155 0122 Mob: 9988 8457

A Whole New Look
**Sharmain's Styling Salon**
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Xerri l-Bukkett**



**Bar**
**Restaurant Pizzeria**
*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*
Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 21553500**

**HILITE**
HARDWARE STORE
**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**TEKNO ZONE**
T.V.'s, Hi Fi Systems, Satellite Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.
Fortunato Mizzi Street, Victoria Gozo, Malta.
Tel/Fax: 2156 5304 Mobile: 79491809 / 99854176
email: teknozon@maltanet.net



**IL TERRAZZO**
**Bar & Restaurant**
• *St. Simon Street, Xlendi, Gozo* •
Host: **Joseph Mercieca**
Tel: 21 550248 Mobile: 99446833

**FUQ L-INTERNET**
**RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo**
**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**






# Il-Mużew tal-Kolleġġjata-Bażilika tan-Nadur

Dan il-mużew jaf il-bidu tiegħu lill-qassis ħabrieki Dun Duminku Camilleri. Kien proprju f'Novembru tas-sena 1983 li huwa beda jiġbor l-oġġetti li huwa deherlu li kienu adattati għall-wiri f'mużew. Hekk kif in-numru ta' oġġetti bdew jiżdiedu, beda jberren fil-ħsieb ta' dan is-saċerdot żagħżugħ fejn kien l-aktar post adattat għalihom. U minn hemm nibtet l-ideja li l-aħjar sala f'dak il-mument kienet dik imsejħa l-Awla Kapitulari. Din is-sala kienet diġà mogħnija b'diversi kwadri u oġġetti oħra ta' ċertu valur artistiku. Naturalment, l-istess sala llum hija żgħira biex tilqa' fiha l-oġġetti kollha li għad baqa' fl-armarji f'naħa jew oħra tal-knisja.

Sa fejn huwa magħruf l-aktar biċċa xogħol qadima fis-sala hija l-kwadru tal-Madonna tal-Ħniena, li jġib is-sena 1689. Huwa maħsub li dan il-kwadru huwa wieħed votiv, għaliex ħdejn il-Madonna u binha Ġesù, insibu lil San Bastjan, San Mikiel u Santu Rokku. Dawn il-qaddisin kienu meqjusin protetturi kontra l-pesta. Tidher ukoll l-istess persuna li ordnat il-kwadru. M'hux magħruf l-awtur ta' dan il-kwadru.

## *Carlo Zimech*

Carlo Zimech (c.1696-1766) li pitter il-kwadri tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Pawl u l-Kruċifissjoni ta' San Pietru li jinsabu fil-Kolleġġjata u Bażilika tan-Nadur huwa rappreżentat f'dan il-mużew b'erba' kwadri fuq it-tila ta' l-erba' Evanġelisti. Zimech kien saċerdot li trawwem fir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ, f'Malta, fejn għex sa madwar is-sena 1749 meta ddeċieda li jmur jgħix fin-Nadur, x'aktarx minħabba saħħtu. Ix-xogħol li ħareġ minn taħt idejh kollu ħadmu għall-knisja tan-Nadur. Ma' dawn li diġà semmejt hemm ukoll il-kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li kien inħadem għal fuq altar.

## *Clemente Busutill*

Insibu wkoll żewġ kwadri ta' Clemente Busuttil li juru l-Primat ta' San Pietru u 'l San Pawl jikkonsagra lil Publiju (c1860). Clemente u Salvatore kienu jiġu wlied Michele Busuttil u allura kienu minn familja ta' artisti. Michele huwa magħruf għall-kwadru titulari tal-Assunta fil-Katidral ta' Għawdex, waqt li wieħed mix-xogħlijiet ta' Salvatore huwa t-titular tal-knisja ta' Kerċem li juru lil San Girgor flimkien mal-Verġni Marija jinterċedu għal dawk milquta bil-pesta. Clemente u ibnu, Luigi, għexu ħajjithom f'Għawdex u ħadmu xogħol ta' pittura fil-gżira Għawdxija; filfatt Luigi għandu biċċa xogħol ukoll fil-knisja ta' Sannat, dik tal-Verġni Mqaddsa tar-Rużarju. Clemente għal xi żmien kien mexxa dar tal-pittura fir-Rabat.

## *Oġġetti oħra*

Insibu għall-wiri wkoll sett tal-Via Sagra antika, żewġ kwadri li juru lill-Bambin Ġesù fil-fisqija li kien fit-torri ta' Kemmuna u ieħor tal-Madonna bil-Bambin li kien fit-torri ta' Garzes, fl-Imġarr, meta dawn kienu jagħmlu parti mit-terrritorju tan-Nadur. Imbagħad insibu kwadru kbir tas-Salvatur l-antik. Matul it-taraġ hemm imdendla tnax-il kwadru żgħir li kienu jinsabu fil-ġnub ta' l-altari fil-knisja l-qadima. Dawn kollha huma xogħol ta' artisti mhux magħrufa, imma xi wħud minnhom huma attribwiti lil Francesco Zahra.

Fost dawn l-oġġetti nsibu *skannel* u tabernaklu tal-injam indurat li kien jintuża fil-knisja l-antika u li fuqu hemm imnaqqxa s-sena 1742. Naraw diversi ġilandri ta' kobor varju, bl-iktar waħda antika ġġib is-sena 1765 fuqha, dik tal-vjatku ta' madwar is-sena 1812 u l-kapsula tas-sena 1813. It-tlieta l-kbar kienu maħdumin fl-1870, 1924 u l-ikbar waħda fl-1932 li għadha tintuża sal-lum fi żmien il-Milied u l-Kwaranturi.

Fis-sena 1764 kienet saret urna ta' l-injam skulturata u indurata li fiha kien miżmum il-korp qaddis ta' San Koronatu. Din ġiet mibdula ma' oħra u llum fil-mużew narawha mimlija bi tliet bambini antiki; l-eqdem wieħed huwa dak li kien jintuża fi żmien it-Tre Re, ta' madwar is-sena 1820. Insibu għall-wiri parti mil-libsa li biha kien jitlibbes il-korp ta' San Koronatu tas-seklu tmintax, medaljuni tal-fidda ta' l-erba' fratellanzi, ir-raġġiera tal-bronż bil-ħamiema f'nofsha(1908) li kienet ta' l-istatwa titulari u relikwarju antik tal-fidda (1720). Ma' dawn naraw pissidi, teka u vażett taż-żjut tal-fidda li kienu ngħataw bħala rigal min-nobbli Giovanni Gourgion fl-1689, meta n-Nadur sar parroċċa (28 ta' April 1688). Ta' interess partikulari huma żewġ kuċċaruni tal-fidda; l-eqdem wieħed fosthom kien intuża biex tgħammdu żewġ persunaġġi fl-istorja tal-gżira Għawdxija, Dun Ġwann Saver Cassar (fid-29 ta' Diċembru 1746), il-Gvernatur ta' Għawdex u l-Arċipriet tal-Matriċi, u Mons. Mikiel Franġisk Buttigieg (fit-3 ta' Novembru 1793), l-ewwel Isqof ta' Għawdex. Mal-kollezzjoni nsibu diversi medalji u muniti, imqass tat-tqarbin tal-fidda li kien jintuża fi żmien il-pesta u l-kolera, u karlotti ta' persuni distinti bħal dik (flimkien mal-Bibbja) tal-Papa Ġwanni Pawlu II u tal-Kardinal Maurice Michael Otunga.

## Kotba ta' l-Isqof Buttigieg

Insibu żewġ kotba tal-Isqof Buttigieg li wieħed minnhom huwa ffirmat minnu u fl-ieħor insibu miktub minnu nnifsu hekk: *"Ex libris meis, Exorcista Michaelis Buttigieg 1814"*. Wieħed huwa fuq il-morali, *Potestatis Panormitani* ta' R.P.E. Felicis tas-sena 1735 u l-ieħor huwa dwar il-katekiżmu, *Pastore Apostolico* ta' Gian Carlo Ducos tas-sena 1720. Dawn il-kotba, miżmuma b'għożża kbira, kienu ġew mogħtija lill-Kolleġġjata Bażilika mill-Arċipriet Emeritus Mons. Mikiel Portelli. Barra minn dawn il-kotba nsibu wkoll żewġ antifonarji kbar li kienu jintużaw fil-kor fil-festi solenni, brevjarji u messali antiki.

Fis-sala hemm għall-wiri t-tron l-antik ta' l-Isqof, siġġijiet tal-ġilda, wieħed tas-seklu sbatax u l-ieħor tas-seklu tmintax, maskli ta' l-isparar, abbozzi tal-pittura tal-koppla u tal-lunetti, oġġetti tal-pittura li kienu tal-pittur Prof. Lazzaro Pisani u għodda ta' l-iskultur Franġisku Saverju Sciortino. Naraw ukoll mezzobust ta' l-*Ecce Homo* tas-sena 1752, ras ta' San Pawl fil-ġibs ta' F. S. Sciortino, diversi abbozzi tal-pittura u statwi, l-appostli tal-festa li saru fl-1902, vażetti ta' l-alabastru u bukketti tal-ganutell, gandlieri tal-injam tas-seklu tmintax u kollezzjoni ta' labtijiet antiki ta' diversi kwalitajiet u qaddisin.

## *Fided*

Insibu numru kbir ta' fided bħal dawk li diġà semmejna li ġew mogħtija minn Giovanni Gourgion (1689), pissidi kbir (c.1750), ostensorju (c.1830), sfera antika li hija xogħol ta' Aloisio Fenech tas-sena 1774, ċensier tal-fidda (c. 1775) li kien maħdum minn Gio Carlo Cassar, żewġ ċnieser oħra tas-sena 1895 maħdumin l-Italja, karti tal-Glorja (c. 1760) u numru kbir ta' kalċijiet ta' kull qies u għamla u oġġetti sagri oħra.




***Riferenzi:***

*Bonnici Alexander, In-Nadur.*

*Buhagiar Mario, Paintings in Gozo – A concise analytical history in Gozo: The roots of an Island (1990).*

*Noti mgħoddija lili minn Dun Duminku Camilleri.*

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Dun Karm Cachia Bniedem Kontemplattiv

**jikteb Angelo Xuereb**



*L-uniku ritratt li jeżisti ta' Dun Karm Cachia*

Dun Karm Cachia kien mixħut għall-ħajja kontemplattiva, jiġifieri kellu preferenza għat-talb li huwa l-għajn ta' qawwa għal kull xorta ta' attività.

Dan ma jfissirx li huwa kien joqgħod jitlob u ma jagħmel xejn aktar. Infatti huwa kien mogħti wkoll għall-qrar u l-predikazzjoni. Iżda għaraf isaqqi l-attività tiegħu permezz ta' relazzjoni intima ma' Alla.

Sa minn tfulitu huwa kien miġbud għall-ħajja ta' talb u baqa' hekk anki meta sar qassis. Minn fommu ma kienx joħroġ kliem bla bżonn għajr ħwejjeġ spiritwali. Anki l-mixja tiegħu kienet tikxfu, peress li ħarstu kienet tkun baxxuta lejn l-art, qisu m'hux ta' din id-dinja.

F'ħajtu huwa dejjem irrifjuta uffiċċji u karigi. Ċaħad il-post ta' kappillan ma' l-Isqof Camilleri kif ukoll ta' Viċi mal-Viċendarju ta' l-Għasri. Ir-raġuni ta' dan kollu ħadd ma jafha, iżda Dun Karm Cachia kien jagħmel milli jista' biex il-ħin tiegħu jqattgħu ma' Alla fis-skiet.

Forsi wieħed jieħu l-impressjoni li din hija ħajja ta' ħarba mir-responsabbiltajiet fi ħdan il-Knisja. Anki fi żmienu kien hemm min wasal biex qal li dan il-qassis ma ried jagħmel xejn ħlief iqarar xi mara.

Iżda Dun Karm kien jippreferi li joqgħod fejn dak li kien iħobb l-aktar. Infatti jekk ma kontx issibu fil-konfessjonarju, kont issibu f'riġlejn Ġesù Sagramentat. Huwa stess stqarr li qatt ma kien ineħħi lil Ġesù minn quddiem għajnejh. Darba tant intilef quddiem is-Sagrament, li ma ndunax li s-sagristan għalaq il-knisja, u hekk kellu jgħaddi l-lejl sħiħ il-knisja. Waqt is-siegħa ta' adorazzjoni kien jiċċassa quddiem is-Sagrament filwaqt li kultant kien jagħmel xi mossa b'idejh, qisu qiegħed jara lil Ġesù fis-sura ta' bniedem kif fil-fatt ġara. Dan narawh ċar mill-ittri tiegħu.

Tant kellu għal qalbu l-ħajja tat-talb, li lanqas fis-sajf ma kien imur passiġġata kif kienu jagħmlu l-qassisin ta' żmienu. Darba qal fi priedka li dik ir-ruħ li tħobb lil Ġesù fl-Ewkaristija, "ma jibqgħalha ġibda lejn xejn u lejn ħadd ħlief li dduq kemm huwa ħelu Ġesù fit-tabernaklu ta' l-imħabba".

Ittra li ġġib id-data tat-12 ta' Settembru 1941, turina kemm kien bniedem ta' talb: "Meta nkunu oppressi mid-dwejjaq u mit-tbatijiet ta' din id-dinja, għandna noqorbu iżjed lejn Ġesù Sagramentat bl-umiltà, ninxteħtu quddiemu nitolbuh l-għajnuna biex ma nonqsux u nsofru bil-ferħ is-slaleb li jogħġbu jagħtina".

Dun Karm Cachia jgħallimna li f'dinja mimlija storbju għandna nsibu ħin għat-talb liturġiku u personali.






*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

# Tony Camilleri

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP,
ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 9949 5001 - Fax 21562211

TAL-HWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi,*
*Frott Imqadded għall-Ħelu*
*u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.
TEL: 2156 2160

*Għawdxin li għadna niftakru - 7* *Minn Pawlu Mizzi*

# ĠORĠ GERIT

Mix-xjuħ ta' żmieni ma nafx min ma jiftakrux. Twil twil u niexef qisu musulew. Ta' ftit kliem. Dħuli, qalbu tajba u twajjeb ma' kulħadd. Meta ma kienx ikun il-forn, kont issibu nieżel jew tiela' minn Marsalforn ċeklem ċeklem fuq karrettun b'daqsxejn ta' ħmara kemm kemm tiħarrek. Ġieli xi darba filgħaxija kien jieqaf il-wied jilgħab logħba boċċi ma' Karmnu tal-Baxan u ma' l-imgħallem ta' l-Ilma.

Kurjuż ismu! Ġorġ Gerit! Bi tnejn bħal ta' daż-żmien. Mhux għax dari ismijiet hekk kienu rari. Kien hawn ħafna min kien jismu Ġamri, ngħidu aħna, taħlita bejn Ġanni u Marì jew Ġannikol. Jew Ġanfranġisk. U baqa' min anki llum isemmi hekk. Jiġuni f'moħħi Ġorġ Frank u Ġorġ Mario. Ismijiet li juru l-ħolqa tal-familji f'soċjetà tradizzjonali.

L-istudjużi ta' l-antropoloġija jsejħu dawn il-familji patrijarkali għax jixhdu l-awtorità kważi biblika tal-missier. Isem Ġorġ Gerit, imma, ma kienx hekk.

'Oriġinalment, in-nannu Marċell lil missieri semmih Ġorġ għal missieru!', qaltli bintu Ġorġa. 'Imma, darba kienu ħaduh il-festa ta' Santa Margerita f'Ta' Sannat u kienu jiggustawh jgħid 'Viva Gerit' kif kien semagħhom jgħajtu hi u ħierġa l-istatwa. U baqgħetlu Ġorġ Gerit!'.

Dawk ixjeħ minni aktarx kienu jafuh b'laqmu Gerit. U sal-lum għadhom jafuhom daqqa b'Ta' Gerit u daqqa b'Ta' Marċell. Għax missier Ġorġ Gerit kien jismu Marċell. Filfatt kulmin iżżewweġ għandu semma' Marċell jew Marċella. Dik suor Marċella l-missjunarja li xi snin ilu kienet ġiet maqtula fil-Pakistan hija waħda minnhom.

Dawn ta' Marċell fi żmienhom kienu kollha furnara. Kellhom forn lejn Ta' Savina, dejjem magħrufa għall-kwalità tal-ħobż li kienu jaħmu. Imma meta żżewweġ, Ġorġ rama għal rasu u fetaħ forn ieħor ħdejn San Ġorġ tal-Ħaġar.

L-ifran dak iż-żmien kienu mfittxija aktar minn ħanut tal-merċa. Il-mekka ta' kull familja. Il-mara tad-dar kienet għandu kuljum. Biex tagħġen u biex tixwi. Rari kienet tibdlu. Min għandu ż-żmien tiegħi ma jistax ma jiftakarhiex fuq il-lembi tħmejjer jew iddoqq l-għaġina. Jien niftakar lil ta' Klement, mara qasira ħoxna dejjem għandha x'tagħmel. Ma tgemgem qatt. U kif tisma' lil xi ħadd igerger li waqgħet sħana jew li qed jagħmel il-ksieħ, kienet tgħid: *'Ejjew ngħidew patirnustur għal kull ħinew ħinew!'*. Drawwiet li llum inqatgħu.

Sa żmien tfuliti l-forn kien ħafna drabi għajn ta' xnigħat jew għidut. Mikrokożmu ta' ġurnaliżmu modern. Kif hu l-ħanut tal-barbier illum. Mill-forn kienu joħorġu l-aħbarijiet kollha! U b'aktar sensazzjonaliżmu minn dak tal-gazzetti!

B'hekk kont sirt naf li Ġorġ Gerit kien ħareġ mija u ħamsin lira għall-kappella tal-Kurċifiss. Meta għidt lil ommi m'emmnitnix. Mija u ħamsin lira! Lanqas ngħoddhom ma kont naf! Kulħadd jitkellem fuqu. Jien ta' tfal tant baqgħet impressjonata f'moħħi dik is-somma li kuldarba li Wiġi tar-Ratlajna kien jagħtini xi tliet ħabbiet (inqas minn mill wieħed fi flus tal-lum) talli kont ngħinu jħott jew jgħabbi l-biegħa, kont bdejt inġemmagħha biex xi darba ikolli lira tletiet (960 tliet ħabbitijiet kienu jagħmlu lira).

Illum wara sebgħin sena dik il-ġrajja baqgħet stampata f'moħħi aktar mir-riħa saħħarija tal-ħobż jaħraq li kienet issammarni mal-forn tiegħu!

U kuldarba li nidħol San Ġorġ u mmur fil-kappella tal-Kurċifiss kont nistħajjel lil Ġorġ Gerit taħt is-salib flok San Ġwann. U f'qalbi ngħid: 'Imma dan m'hux Ġorġ Gerit?'. Bir-raġunar tal-lum: 'Ma kienx minn tal-Ljun? Kif sab ruħu f'San Ġorġ?'.

Dażgur li kien! U akkanit ukoll. Imma l-parrokkjaliżmu ta' dari ma kellux l-għamad tal-fanatiżmu tal-lum!

'Wirt il-mentalità medjevali', spjegali l-Prof. Jeremy Bosavaign meta bdejt ngħidlu x'kien qed jiġri fi gżiritna.



Nistħajjel kieku Ġorġ Gerit kellu jisimgħu min jaf kemm kien jgħid: *'Don bunswa! Midju vuli! Xi tkun! Mele aħne qatt writna m'għand ta' Midju?'*.

U kien ikollu raġun. Għax għalih, bħall-kotra fi gżiritna, għax għandu jħabbel rasu fuq il-Medjuevu? Mhux biżżejjed l-inkwiet tiegħu u tal-familja!

U ta' Ġorġ Gerit ma kinitx żgħira! B'kollox kienet tgħodd għaxra. Tfal kellu ħdax. Għexulu tmienja, erba' bniet u erba' subien, u kollha rabbiehom bieżla u bilgħaqal. Minnhom semma' wieħed għalih, Ġorġ, li meta kiber daħal pulizija, u tifla għal martu Ġorġa li saret majjistra l-isptar. Erba' Ġorġijiet f'dar waħda! Mill-bqija kellu 'l Żużu li għenu sakemm sata' l-forn, sakemm sab post ma' ta' l-MMU, 'il Marċell li fetaħ forn għal rasu l-Għarb, 'il Ġanni li kif kiber beda jaħdem il-madum imma spiċċa wkoll il-forn, u lil Ġiġa li laħqet teacher, u 'l Rita u Ċensa. Dawn meta ma kinux m'ommhom id-dar jaħslu u jsajru, kont issibhom il-forn joborxu l-art jew jagħġnu.

Kulħadd jaħdem u jgħin wieħed lill-ieħor!



Mur sibha familja bħal dik ta' Ġorġ Gerit illum! Mid-dar għall-knisja. Quddiesa kulħadd kuljum. Tal-paternoster normalment. U kull flgħaxija l-katekiżmu. Kif kien jisma' l-qanpiena tnaqqar kont tisimgħu jgħajjat lil bintu Rita biex tħalli minn idejha u tiġri lejn San Ġorġ.

Din Rita ritratt ieħor ta' tfuliti! Kienet hi li għallmitni d-duttrina biex għamilt l-ewwel tqarbina. Idha għadni nħossha f'idi nimxu flimkien lura d-dar!

Kont intir meta xi kultant ommi kienet tibgħatni għandha b'xi brinġiela jew basla fuq għatu tal-landa biex Rita tixwihomlna.

Għax kos, dari l-forn ta' Gerit kien il-kċina tal-ġirien kollha. L-iktar nhar ta' Ħadd. Kemm dixxijiet! Ross, imqarrun, ħaruf bil-patata. Riħa taqsam. Ma kontx nissaporti ma nnaqqarx. U min jaf minħabba f'hekk kemm-il qarsa qarsitni ommi. Kien ikollha seba' mitt sena sakemm joħrog id-dixx tagħna.

U forsi, għalhekk, għalkemm twajjeb, Ġorġ Gerit kien ukoll xi ftit nervuż!

*'X'weħde dejn tagħmelhe men-nis! X'peċenzje jrejd ikillik!'.*

U min jgħidlu: 'Ġorġ, x'ħin tiegħi ħareġ?'. U min: 'Ġorġ, illejla fis-sitta sew?'. Jew: 'Ara, Ġorġ, kif inħaraqli!'. U Ġorġ jisma' bla ma jitkellem.

Illum mhux faċli timmaġina dak it-tip ta' forn. Intrata dejqa, imbagħad warajha kamra bil-ħnejjiet 'il ġewwa minnha b'ħoġor ilmiebi fuq ġenb wieħed u ħoġor ieħor fuq il-ġenb l-ieħor b'tagħmira pali twal u qsar fuq xkaffa fuqu. Il-forn kien faċċata tal-bieb. Kien dejjem magħluq b'bieba tal-ħadid mgħotti bi ftit qażbija. Fuqu l-forna fejn kien iżomm xi ħbejżiet għas-sħana. Fuq tilar ħdejh kien hemm varjetà ta' ħobż ieħor, minn ħbejżiet sa ħobż tar-ratal u kxaxen jew bziezen tal-Franċiż. Fdal ta' l-ifran tas-Sibt!

Dik l-abbundanza ma kinitx minn dejjem f'pajjiżna. Mhux kulħadd kellu x-xorti jiekol ħobż abjad. Il-ħaddiema, l-iktar il-fqar bla xogħol, kienu joqogħdu bil-maħlut, ħobż ismar, magħmul minn taħlita ta' qamħ u xgħir. Minn hawn l-espressjoni li ngħidu għal xi ħadd li ma nafuhx: 'Dan x'ħobż jiekol?'.

Kien hawn il-faqar dak iż-żmien!

Lanqas ix-xkora li fiha kien jiġi d-dqiq ma konna narmu. Min ma kienx jużaha għall-ġarr flok ħorġa, kien joftoqha biex jagħmilha xoqqa għall-ħwejjeġ. Ħafna drabi kienu jiżbgħuha blu u jagħmluha bluża ta' l-għawm. Mhux dejjem, imma, iż-żebgħa tal-ħwejjeġ kien jirnexxilha tgħatti l-marki tad-ditta tad-dqiq. U ma konniex nidħku bi ftit f'Marsalforn meta konna naraw fuq il-warrani ta' xi monsinjur nieżel fil-banju ta' l-isqof il-kitba: 'Best Quality'.

Imma dan Marsalforn kellu dehriet wisq aktar romantiċi għalija. Id-dehra ta' Ġorġ Gerit għaddej minn fejn tal-Giżwi b'daqsxejn ta' ħmara mgħobbi mbarazz tan-nies, qisu akkwarell ta' Caruana Dingli! Minn ftit qabel Santa Marija kont taraħ iterraq b'xi mitraħ tat-tiben u xi erba' siġġijiet slugati. Jew xi biċċa għamara oħra li ma kinitx meħtieġa r-Rabat: il-lavaman, it-trepied bil-friskatur u l-buqar, il-banju... il-kamra tal-banju komplita għal dak iż-żmien.

L-ewwel waqfa tiegħu l-Kapuċċini. Jinviżta, jagħtihom il-ħobż u jibqa' nieżel. Ġieli fil-bieb kien isib jistennih il-Fra tat-Talija qabel ma joħroġ għaċ-ċirka. Fil-gwerra barra ta' burdnar kien ukoll jagħmilha ta' kurrier u ta' kuċċier: daqqa biex iwassal il-ħobż lis-sorijiet il-Qbajjar, u daqqa biex jieħu xi soru tal-klawsura għand it-tabib minn Għar Qawqla. Il-ħami baqa' sa l-aħħar il-ħobż tiegħu.

Aħna konna mmorru għandu kull nhar ta' Tnejn. Niftakar kull ħobża daqs il-paralun tal-lampa li kellu n-nannu fl-intrata. L-għaġna kienet isservina għall-ġimgħa u tagħha Ġorġ Gerit kien jeħdilna tmintax irbigħi. Lanqas kien jara xi tkun tajtu. Jitfagħha f'bott u jkompli jdaħħal jew joħroġ il-ħobż bil-pala. Ta' tfal li kont ġieli kont niskanta nħares lejh.

Darba Ċensa, bint Ġorġ, ħasditni. Kien fiha m'għola sur imma kienet tħobb tiċċajta. Iggustatni niskanta lejn missierha jdaħħal u joħroġ il-pala mill-forn. U qaltli: *'Trojtċ titħul magħne?'*. Jien ħarist lejha u ħrabt niġri qisni rajt ix-xitan.

Sal-lum għadni ma nafx l-għaliex. Niftakar, imma, li ftit qabel fil-klassi s-ser ta' l-arkitett kien qabbadni naqra l-istorja tat-tifla li qerdet ġganta ta' Patri Manwel Magri, dak fejn il-ġganta tgħid: 'Issa oqgħod fuq il-pala ħalli ngħallmek ta' furnara'. Ma jidhirlix li minn dakinhar qatt ersaqt iżjed lejn il-forn ta' Ġorġ Gerit.

Lil Ġorġ Gerit, iżda, ma nsejtux. La bil-pala u lanqas fuq il-ħmara. L-ikbar impressjoni li ħalla fuqi, imma, hi s-sens ta' dħulija li kellu ma' kulħadd, ta' Ljun u ta' l-Istilla. Dik l-għotja lill-kappella tal-Kurċifiss ma ninsihiex. Għalija tassew mudell għal min sinċerament irid iwaqqa' l-għamad tal-parrokkjaliċmu medjevali u jgħix b'moħħ miftuħ!

U meta ftit qabel ma għalaq il-forn tiegħu, ibnu Ġanni stedinni għall-ftira tal-ġobon, ma stajtx ma naċċettax l-istedina mill-qalb.

LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA — Minn Ġorġ N. Cassar

# X'se nħallulhom lil uliedna?

Wieħed mill-proverbji Maltin iwissi u jgħid: "Tibni u tgħalli, tmur u tħalli". Jekk hemm qwiel li bl-ebda mod ma tista' xxellifhom jew tmerihom, dan bla dubju huwa wieħed minnhom. Jalla, imma, dan il-ġid li sa nħallu warajna, ma naqilgħux salt inkwiet bih. Min hu midħla tal-qorti jaf kemm kawżi jsiru ħtija ta' dan l-imbierek wirt, kawżi li jġebbdu s-snin, saħansitra bejn l-aħwa.

## *Wirt materjali*

L-ewwelnett biex tabilħaqq il-ġid materjali li sa tħalli warajk jinqasam kif trid int, trid issejjaħ nutar u tagħmel testment. U dan, nismagħhom jgħidu, jaqbillek tagħmlu meta għadek tiflaħ tiekol l-imqarrun il-forn. Hekk, bl-iswed fuq l-abjad, taċċerta ruħek li meta ismek jinqata' mil-lista tal-ħajjin, ir-rieda tiegħek sa sseħħ mija fil-mija. Imma kull kif, trid toqgħod b'seba' għajnejn biex tagħraf tkun ġust ma' kulħadd, speċjalment jekk dawn il-werrieta jaħbtu l-istess uliedek. Tinsiex li karta bil-ġmied iġġib il-ġlied. Tiżbalja bl-ikraħ jekk tagħmel il-preferenzi. Quddiem il-preferenzi u l-inġustizzja, x'aktarx jagħtik li tirribella. U flok uliedek jibqgħu jiftakru fik, iberkuk u jitolbu għalik, għandu mnejn, ħa nuża kelma iebsa, jibdew jisħtuk.



## *Wirt ġenetiku*

Qabel dan il-wirt materjali jiġi l-wirt ġenetiku. Hawnhekk jitfaċċa l-miraklu tan-natura. F'kull tarbija, ma' l-ewwel waqt tat-tnissil tagħha, meta l-bajda ta' l-omm tiltaqa' ma' l-isperma tar-raġel u tkun fertilizzata, issir it-trasmissjoni sħiħa tal-wirt ġenetiku. Din il-ħlejqa ġdida tirċievi mill-bidunett dak kollu li setgħet tirċievi m'għand ommha u missierha, m'għand in-nanniet u l-bqija ta' l-antenati tagħha. Wara dan il-mument tal-konċepiment, dan il-patrimonju ġenetiku la tista' żżidu u lanqas tnaqqsu.

L-ulied jirtu m'għand il-ġenituri tagħhom ħafna fattizzi, kemm ġewwa u kemm barra. Jirtu mhux biss it-tul, l-għamla tax-xagħar, il-lewn ta' l-għajnejn u tal-ġilda u mitt ħaġa oħra, imma wkoll it-temperament u l-karattru. Ġie li tifel ikun qisu missieru mqaxxar. Tismagħhom jikkummentaw xi wħud: "Dak it-tifel kalm u beżżiegħi bħal missieru; dik it-tifla mserdqa u fuq ruħha bħal ommha". Bir-raġun il-Malti jgħid: "Il-fula bint il-miżwed u r-razza dejjem tiġbed".

Naturalment ħafna mill-karatteristiċi fiżiċi u mentali li nkunu writna jistgħu jkunu modifikati jew influwenzati bil-kwalità ta' ambjent li nitrabbew fih. In-natura u l-ambjent għandhom l-istess qawwa ta' influwenza fuq it-tiswir tal-personalità ta' kull individwu. Ħu tewmin, anki identiċi; rabbihom f'ambjent differenti u tibda tinnota li ma jitilgħux 'fula maqsuma'.

## *Wirt spiritwali*

Bdejt bil-wirt materjali li rridu jew ma rridux ikollna xi darba nħalluh lil ta' warajna. Kif aċċennajt fil-bidu, ħadd m'hu se jieħu l-iċken ħabba miegħu; prova ta' dan issibha sa fil-libsa tal-kefen li tinħiet bla bwiet. Semmejt ukoll il-wirt ġenetiku, dak it-tinqix li għamlet ommna n-natura, anzi li tkun ħasbet għalih sa minn kmieni meta għadna mkenna fil-ġuf. Imma jeżisti wkoll wirt ieħor għal kollox differenti, wirt spiritwali li speċjalment aħna l-ġenituri obbligati nħalluh lill-għeżież tagħna. Minn dan il-wirt li jiswa iktar mid-deheb u l-fidda, sa nsemmi biss aspett wieħed – l-ispirtu ta' ferħ u mħabba li bih għandna nżejnu l-qalb u l-moħħ tat-tfal.

## *Spirtu ta' ferħ u mħabba*

Jiddispjaċini li dan l-ispirtu ta' ferħ u mħabba qed noħonquh sa mit-tfulija. Iż-żmien hekk sabiħ u prezzjuż tat-tfulija qed intaqqluh. Flok inżewquh jekk jista' jkun bis-sebat ilwien tal-qawsalla, qed nitfgħu fuqu bħal faldrappa sewda. Issib ġenituri morda bi tliet fissazzjonijiet kbar: fissazzjoni fuq ix-xogħol, oħra fuq id-dar u t-tielet waħda fuq l-iskola.

Bosta qed jgħixu ħajja sfrenata. Minn xogħol għal xogħol. Id-duttrina ta' x'inhu *biżżejjed* ma jitgħallmuha qatt. Bilkemm jiltaqgħu nhar ta' Ħadd fuq l-istess mejda għall-ikla ta' nofsinhar. Jgħixu biex jaħdmu flok jaħdmu biex jgħixu. Tiltaqa' ma' missirijiet lil uliedhom jarawhom biss reqdin; la jkellmuhom u wisq inqas jilagħbu magħhom. Ma' dan il-ġenn issib min huwa wkoll żmagat fuq id-dar. Iridha lussuża, mimlija sa ruħ ommha b'kull kumdità li tista' toħlom biha. Is-sabiħa hi li meta llestuha, id-dar inġibuha qisha mużew, kollox xomm u erfa'. Sa kważi żoni pprojbiti nsibu fiha. U biex inkomplu l-kwadru, tinbet l-aħħar fissazzjoni fuq il-kwistjoni ta' l-iskola. M'humiex kuntenti li wliedhom jirnexxu. Iriduhom dejjem bil-palju. L-ewwel f'kollox. Hawnhekk għandna ambizzjoni żejda li saret komuni daqs il-budebbus fi żmien il-ful. Lit-tfal irriduhom ilaħħqu ma' elf ħaġa, speċjalment mal-privatijiet. Il-privat, suppost, huwa bħall-mediċina; jeħodha biss min għandu bżonnha. Imma ħaslet daħlet il-kultura tal-privat (li bejnietna, hawn min qed jagħmel l-isbaħ negozju b'riħitha) u nammetti, mhux lakemm dak li jkun jibqa' ma jimradx biha. Il-pressjoni soċjali m'hijiex faċli li taqa' u tqum minnha u tfarfarha minn fuqek.

Quddiem dan il-ġiri u dan il-ġenn, flok ambjent ta' ferħ u mħabba, x'aktarx issib ambjent ta' gdiedem u tilwim. Ħajjet il-ġenituri titgerfex u titħabbel għax jagħmew wara l-frilli. Isiru qishom xkora nervi u malajr jitilfu l-boxxla. Jibda l-kliem iebes, ngħaddu għas-swat u ġie li nispiċċaw bil-vjolenza. B'hekk niftħu ferita fil-qalb tarja tat-tfal, ferita li biż-żmien forsi tnaqqas mill-uġigħ imma ma tagħlaq qatt. Din hi t-traġedja li qed tolqot kważi ġenerazzjoni sħiħa. Sa minn ċkunithom qed nitfgħu fuqhom doċċa kiesħa li treżżaħhom.

Fiċ-ċentru tal-familja daħħalna l-flus u l-kapriċċi u keċċejna lil Alla. U fejn m'hemmx Alla, issib xi ħaġa ħażina u morra minn ġewwa. Biex nibnu fuq is-sod, fil-familja rridu rrawmu ambjent san ta' ferħ u mħabba. Din m'hijiex xi ħaġa faċli, speċjalment fi żmienna; iva, faċli biex tgħidha u tippridkaha imma diffiċli biex tniżżilha fil-prattika. Hi kif inhi s-sitwazzjoni li għandna ma' wiċċna, ngħid u ntenni li biex il-familja tirnexxi, irridu rrawmu fiha dan l-ispirtu nisrani. Jekk nagħmlu hekk, id-dar tagħna tkun tixbah lil dik id-dar imsemmija fil-Vanġelu: tinżel ix-xita, ifuru l-widien, iqumu l-irwiefen, imma hija tibqa' wieqfa.

L-aqwa wirt li nistgħu nħallu lil uliedna huwa tabilħaqq ambjent fejn tiftaħ u tfewwaħ il-warda ta' l-imħabba, fejn tonfoħ u sserraħ iż-żiffa tal-ferħ. Ma ninsewx li t-tfal, kif osserva wieħed għaref, huma bħal fjuri sbieħ u delikati. La huma sbieħ, ta' min jifraħ magħhom u jgawdihom; la huma delikati, ejjew noqogħdu attenti u nibżgħu għalihom. Irridu noffrulhom l-isbaħ ambjent li nistgħu noffru, speċjalment bejn l-erba' ħitan tad-dar. Dan l-ambjent m'għandu bżonn ta' ebda lussu. Kulma jrid huwa atmosfera ġenwina ta' mħabba u ferħ.





# int u saħħtek



*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

## It-Tniġġis tal-Baħar

Malta u Għawdex huma mdawrin bil-baħar Mediterran. Dan il-baħar huwa bħal vaska kbira għax huwa tista' tgħid magħluq minn kullimkien għajr għal ftuħ fl-Atlantiku n-naħa ta' Ġibiltà. Minħabba l-għeluq tiegħu dan il-baħar huwa iktar suġġett għat-tniġġis kemm mill-kosta ta' madwar u kemm minn żjut minn vapuri u tankers li jbaħħru minnu.

Il-baħar ta' madwar il-gżejjer Maltin, għalhekk, huwa kontinwament fil-periklu li jiġi mniġġes minn xi kwantità ta' żejt minn dawn il-vapuri. Jekk jiġri dan jista' jfisser diżastru għalina għax aħna niddependu mill-baħar tagħna fil-qasam tat-turiżmu. Barra dan, it-tniġġis tal-baħar jiġi wkoll mid-drenaġġ u xi kimiċi industrijali (mid-*Drydocks*) li narmu aħna stess fih. Sal-lum il-fabbriki tagħna ma għandhomx sistemi fejn jiġbru ż-żjut, il-kimiċi u l-metalli, iżda minflok, dawn jintefgħu direttament fid-drenaġġ. Suppost li sas-sena 2005 kull drenaġġ li jintrema' fil-baħar irid ikun ittrattat u msoffi mill-mikrobi u l-kimiċi industrijali kollha. Biex iseħħ dan hemm bżonn ta' investiment enormi ta' bejn Lm45 u Lm65 miljun. Dan l-investiment jinħtieġ tibdil fl-immaniġġjar ta' drenaġġ industrijali għax jekk dan jibqa' jitħallat mad-drenaġġ domestiku jista' jikkawza tip ta' *sludge* li ma jkunx possibbli li tittrattah. Min-naħa l-oħra jekk id-drenaġġ domestiku ma jkunx fih kimiċi jista' jintuża għall-agrikultura bħala fertilizzant.

Issa l-baħar dejjem ikollu kwantità ta' pjanti mikroskopiċi li jissejħu *phytoplankton*. Dawn huma importanti ħafna fis-sistema ekoloġika. Huma jieħdu l-enerġija mix-xemx u jużaw nutrijenti li jinsabu fil-wiċċ tal-baħar u jipproduċu l-ikel. Dan l-ikel jintuża mill-gambli li mbagħad dawn jittieklu minn ħut akbar u hekk jagħmlu forma ta' katina ta' l-ikel. In-numru ta' ħut fil-baħar jiddipendi minn dawn il-pjanti mikroskopiċi. U għalhekk il-ħajja kollha tal-baħar tiddipendi minn dawn ukoll. Għalhekk dawn huma ta' importanza kbira għall-ħut iżda l-ammont tagħhom irid jibqa' kkontrollat għax jekk ikun hemm abbundanza minnhom jagħmlu l-ħsara.

Dan jiġri billi jkun hemm id-drenaġġ fil-baħar naturalment ikun hemm iktar nutrijenti. Minħabba din iż-żieda fl-ammont ta' nutrijenti, il-pjanti mikroskopiċi jiżdiedu bl-abbundanza u jkun hemm iktar ikel għall-ħut. Sa ċertu punt dan huwa tajjeb, iżda li jiġri hu, li l-ammont ta' dawn il-pjanti fil-wiċċ tal-ilma jidher aħdar. Dan jiġri l-iktar f'portijiet fejn ma jkunx hemm kurrent u moviment fil-baħar. Għalhekk meta l-bilanċ jintilef il-katina ta' l-ikel titħarbat u s-sistema ekoloġika tispiċċa.

Id-drenaġġ, bħalma jaf kulħadd, huwa ta' ħsara għall-bniedem għax jikkawża mard bħal infezzjonijiet fil-ġisem. Barra minn hekk meta jkun hemm ħafna minn dawn il-pjanti mikroskopiċi, jipproduċu valeni li jidħlu fil-frott tal-baħar bħall-arzell, li meta jittieklu mill-bniedem jikkawża d-



# Il-Katina ta' l-Ikel




deni ta' l-imsaren. Is-sintomi jibdew wara biss tletin minuta li tkun kilt minn dan il-frott u dak li jkun ikollu ħafna dardir u rimettar flimkien ma' uġigħ kbir fiż-żaqq u jista' jitlagħlu d-deni. Minkejja li mhux dejjem tinstab il-konnessjoni bejn mard u t-tniġġis tal-baħar, għal saħħitna huwa importanti li jkollna baħar nadif.

Tip ieħor ta' tniġġis tal-baħar huwa permezz ta' żebgħa li tintuża fil-qiegħ tad-dgħajjes. Din it-tip ta' żebgħa tissejjaħ *TBT (tributylin)*. Din hija pprojbita skond il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. F'Malta xi użu ta' din iż-żebgħa seta' kien hemm fl-inħawi tad-*Drydocks* u l-*Yacht Marina*. Biex wieħed jgħid fiċ-ċert iridu jsiru studji speċifiċi. Sfortunatament dawn l-istudji mhux faċli li jsiru u, skond il-Kap tad-Dipartiment tal-Bijoloġija fl-Università ta' Malta, il-Professur Victor Axiaq, ir-riżorsi huma limitati, peress li tkun trid laboratorji mgħammra apposta għal dan ix-xogħol, u tip ta' riċerka li twettaq dawk il-miżuri kollha li huwa marbut li jwettaq skond il-Konvenzjoni ta' Barcellona. Skond din il-Konvenzjoni, li Malta diġà ffirmat, kull tip ta' drenaġġ irid jiġi trattat u msoffi qabel jintefa' fil-baħar. U lanqas nistgħu nitfgħu xi tip ta' skart ieħor tossiku fil-baħar. Skond il-Gvern, Malta talbet sa l-2005 biex tkun tista' timxi skond din il-Konvenzjoni. Din it-talba kienet milqugħa mill-UE kif kienu milqugħa ħafna talbiet oħra għall-perjodi ta' transizzjoni sakemm niġu konformi mar-regolamenti tal-UE.

(*L-email ta' Dr Saliba huwa: msaliba@waldonet.net.mt*)

Ta' Pawlu

Bar & Restaurant
Tel: 2155 8355
Mob: 9942 1536
Fax: 2156 4382
**4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.**

LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE




# Kampjonat Easyline ta' l-Ewwel Diviżjoni

### *Nadur Youngsters Champions għas-seba' darba*

Nadur Youngsters iċċelebraw ir-rebħ ta' dan is-seba' *championship* fl-istorja tagħhom u t-tieni wieħed konsekuttiv meta spiċċaw b'44 punt f'ras il-klassifika. Kien kampjonat meritat għax huma kellhom l-iktar tim konsistenti u bl-inklużjoni ta' Eduardo Do Nascimento u Muscat f'nofs il-kampjonat huma żiedu s-saħħa tagħhom u saru superjuri għal kull avversarju ieħor. M'hemmx dubju li d-distakk li kisbu f'ras il-klassifika jikkonferma dan. L-attakkant Brażiljan tagħhom Do Nascimento ġie vvutat bħala l-aħjar plejer Barrani tal-GFA.

Bħala *runners-up* għal darb'oħra reġgħu spiċċaw Għajnsielem li issa ilhom snin twal jistennew biex jerġgħu jirbħu l-kampjonat. L-attakkant tagħhom Alloysius Ihbuelu spiċċa bħal l-aqwa skorer tal-kampjonat. *Żebbuġ Rovers* spiċċaw fit-tielet post, fejn għalihom dan kien l-ogħla pjazzament fl-istorja tagħhom. Ta' sodisfazzjon għaż-Żebbuġin kien li d-difensur tagħhom Alex Tramboo kien magħżul bħala l-plejer tas-sena tal-GFA. Huma kienu segwiti minn *Xewkija Tigers* u *Victoria Hotspurs*. Relegati għat-tieni diviżjoni spiċċaw *Xagħra United* u *Qala St Joseph* biex b'hekk għamlu ritorn ta' malajr lejn it-tieni divizjoni. Daniel Attard tax-Xagħra ntagħżel bħala l-iktar player promettenti ta' l-ewwel diviżjoni.

### *Kif spiċċaw l-ewwel diviżjoni*

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nadur Youngsters | 18 | 14 | 2 | 2 | 41 | 9 | 44 |
| Għajnsielem | 18 | 12 | 1 | 5 | 50 | 22 | 37 |
| Żebbuġ Rovers | 18 | 10 | 2 | 6 | 32 | 25 | 32 |
| Xewkija Tigers | 18 | 8 | 3 | 7 | 30 | 29 | 25 |
| Victoria Hotspurs | 18 | 6 | 4 | 8 | 25 | 23 | 22 |
| Xagħra United | 18 | 2 | 4 | 12 | 18 | 50 | 10 |
| Qala St Joseph | 18 | 2 | 2 | 14 | 15 | 53 | 8 |

*Nadur Y.* Champions
*Xagħra U.* u *Qala S.J.* relegati



### *Kampjonat Sprite tieni diviżjoni - Sannat Lions Champions għar-raba' darba*

Kien suċċess li Sannat raw jimmaterjalizza proprju fil-logħba tal-verità, l-aħħar waħda tal-kampjonat fejn huma riedu bilfors rebħa biex jaqbżu u jispiċċaw qabel Għarb f'ras il-klassifika. Dan ir-rebħ tal-kampjonat tat-tieni diviżjoni kien ir-raba' suċċess tax-xorta tiegħu għal-*Lions*. Sannat qamu bil-kbir għall-okkażjoni fejn il-furja tagħhom ta' ljuni ħasdet lill-avversarji li ma tawhomx ċans li jirkupraw. Is-suċċess tal-*Lions* jista' jitqies meritat għax kienu huma li kellhom l-aħjar attakk u difiża tal-kampjonat. L-attakkanti tagħhom Mark Muscat u Abdul El Mutalib rebħu l-unuri rispettivi tal-aqwa plejer u l-aqwa skorer tal-kampjonat.

*Għarb Rangers* kellhom pretenzjoni kbira li ser ikunu huma li jiċċelebraw fejn anki draw kien ikun biżżejjed biex jilħqu l-għan tagħhom. Iżda fallew bil-kbir fil-logħba kruċjali biex kellhom jikkuntentaw bit-tieni post li wkoll ippremjahom bil-promozzjoni. Però iktar tard huma rrifjutaw dan u posthom fl-istaġun li ġej fl-ogħla diviżjoni ser jieħduh *Kerċem Ajax* li spiċċaw warajhom fil-klassifika. It-tliet timijiet l-oħra kollha tħabtu bejniethom biex jevitaw l-

aħħar pożizzjoni. Min-naħa ta' *S.K. Victoria* dawn kellhom is-sodisfazzjoni li jirbħu n-KO tal-istess diviżjoni. Fl-aħħar post wara *Oratory Youths* li rebħu l-*Good Conduct Cup*, spiċċaw *St Lawrence Spurs* fejn kellhom lill-*goalkeeper* tagħhom Samuel Micallef jiġi vvutat bħala l-iktar plejer promettenti tat-tieni diviżjoni.

Kif spiċċaw it-tieni diviżjoni

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sannat Lions | 15 | 10 | 3 | 2 | 38 | 15 | 33 |
| Gharb Rangers | 15 | 10 | 2 | 3 | 36 | 24 | 32 |
| Kerċem Ajax | 15 | 7 | 6 | 2 | 37 | 20 | 27 |
| SK Victoria Wds | 15 | 3 | 4 | 8 | 14 | 28 | 13 |
| Oratory Youths | 15 | 3 | 2 | 10 | 14 | 38 | 11 |
| St Lawrence Spurs | 15 | 2 | 3 | 10 | 18 | 32 | 9 |



*Sannat L.* Champions u promossi
*Għarb R.* promossi iżda rrifjutaw il-promozzjoni u posthom ħaduh *Kerċem A.*

## *GFA Cup Final - Għajnsielem jirbħu liċ-champions*

Għajnsielem pattew xi ftit għad-diżappunt li kellhom meta fallew li jirbħu l-kampjonat mirbuħ min-Nadur billi għelbu lill-istess champions f'din il-finali tat-30 edizzjoni tat-Tazza tal-GFA. Dan kien ir-raba' suċċess għall-*Blacks* f'din il-kompetizzjoni. Huma temmew l-istaġun fuq nota pożittiva kif filfatt kienu għamlu fil-ftuħ tiegħu meta kienu rebħu t-Tazza Indipendenza biex kisbu t-tieni suċċess staġjonali tagħhom. Kienet rebħa meritata għall-fatt li Għajnsielem wara bidu ferm qawwi fejn fetħu vantaġġ doppju għarfu jikkontrollaw tajjeb minkejja li rriskjaw xi ftit fit-tieni taqsima meta naqqsu mir-ritmu, iżda f'dawk il-ħinijiet kritiċi għalihom huma għalqu l-partita minkejja li fl-aħħar minuti l-avversarji reġgħu daħlu għal darb'oħra fil-partita.

Kienet finali interessanti u akkanita fejn fit-tieni taqsima saret iktar miftuħa għal kull riżultat. Partita li kienet ikkaratterizzata minn żewġ tkeċċijiet separati fl-ewwel fażi tagħha fejn l-iktar li ħassew dan in-nuqqas kienu Nadur li tkeċċielhom Eduardo Do Nascimento. Bidu ferm aggressiv minn Għajnsielem fejn fl-għaxar minuta fetħu l-iskor bi *freekick* dirett ta' TERIK BELHAJ. Erba' minuti wara huma anke rduppjaw meta Ihbuelu wara azzjoni personali fuq ix-xellug kompla lejn DIONE LAUTIER li fuq il-ġirja u minn pożizzjoni angulata tefa' ġewwa. Fl-erbgħa u għaoxrin minuta Għajnsielem spiċċaw b'għaxar plejers meta tkeċċielhom Terik Belhaj għal *foul* ta' ritaljazzjoni fuq Do Nascimento u żewġ minuti wara anki l-istess Brażiljan safa mkeċċi wara li f'dawn l-istess żewġ minuti ddobba żewġ karti sofor. Wara l-intervall Nadur ħarġu iżjed determinati li jidħlu iktar fil-logħba fejn wara disa' minuti naqqsu l-iskor minn *penalty* ta' ANTHONY PORTELLI wara li J. Scicluna kien ġibed lil B. Portelli fil-kaxxa. Lejn tmiem il-partita Għajnsielem prattikament aċċertaw is-suċċess meta f'kontrattakk veloċi Lautier żmarka lil ALLOYSIUS IHBUELU li tefa' fir-rokna. Imbagħad ftit wara Nadur għamlu t-telfa waħda minima b'goal mill-isbaħ ta' ANTHONY PORTELLI li b'xutt ipplejsjat minn tarf il-kaxxa għeleb lil Attard fl-anglu.

## *Tazza Indipendenza - Għajnsielem jirbħu l-unur għas-sitt darba*



*Golden goal* żewġ minuti mit-tmiem iddeċieda din il-finali tat-22 edizzjoni tat-Tazza Indipendenza favur Għajnsielem kontra *Xewkija Tigers* biex b'hekk il-*Blacks* bdew b'mod pożittiv billi rebħu dan l-ewwel unur staġjonali. Il-partita li bdiet sagħtejn qabel mill-ħin oriġinali tagħha ftit offriet emozzjonijiet fejn kien fl-aħħar ħinijiet li l-partita setgħet spiċċat favur kull naħa. Ftit nistgħu nirraportaw fuq l-ewwel taqsima għall-fatt li l-ġurnalisti sportivi ma kinux infurmati mill-GFA bil-bdil tal-ħin. Il-*goal* deċiżiv wasal żewġ minuti mit-tmiem meta ħafna ħasbu li konna ser nassistu għas-segwenza tal-*penalties*. Kien is-sostitut JOSEPH ATTARD li għeleb lil Debono b'xutt fil-baxx.

## *Tazza Jum il-Ħelsien - Nadur iżommu l-unur għandhom*

*Nadur Youngsters* irnexxielhom iżommu dan l-unur għandhom meta fil-finali tal-ħdax-il edizzjoni ta' din it-Tazza huma kisbu rebħa meritata kontra Għajnsielem bl-iskor ta' 3-0 b'doppjetta ta' Anthony Portelli u goal ieħor minn Emanuel Muscat. F'din il-finali, repitizzjoni tal-aħħar żewġ edizzjonijiet, Nadur urew determinazzjoni qawwija kontra r-rivali tagħhom Għajnsielem.

Kienet finali akkanita, sinonima mar-rivalità li tezisti bejn iż-żewġ *clubs* b'Nadur jiftħu l-iskor fl-erbgħa u tletin minuta meta minn kross mix-xellug ta' C. Camilleri, Do Nascimento niżżel lejn ANTHONY PORTELLI u ma falliex meta tefa' ġewwa mill-viċin .

Fl-erbatax-il minuta tat-tieni taqsima Nadur irduppjaw bi ġmiel ta' goal mill-aħjar plejer fil-*pitch* EMANUEL MUSCAT li b'*first timer* minn madwar 25 metru bogħod ħalla lil kulħadd iħares. Imbagħad żewġ minuti wara l-*Blacks* ħadu daqqa oħra meta spiċċaw bi plejer inqas għat-tkeċċija ta' Reuben Mercieca wara li ffawlja lil C. Camilleri. Imbagħad fl-erbgħa u tletin minuta Nadur issiġillaw ir-rebħa permezz tas-solitu ANTHONY PORTELLI li kompla ġewwa t-tentattiv ta' C. Camilleri.



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

## *30,000 mil f'37 sena*

Sid ta' Volkswagen Beetle mill-Isvezja dam 37 sena biex sarraf il-voucher mogħti lilu fil-jum li fih xtara l-karozza. Il-voucher għal service b'xejn seta' jissarraf biss wara li l-vettura tkun għamlet 30,000 mil!

Dag Hellsing minn Umea xtara l-ewwel Beetle tiegħu fl-1966. Is-sur Hellsing diġà mar isarraf il-voucher tiegħu fl-eqreb aġenzija tal-Volkswagen.

## *Tarbija tispiċċa f'safe*

It-tifla ta' impjegata fil-Washington Mutual Bank f'Redwood tkaxkret bil-moħbi t'ommha u spiċċat magħluqa f'safe flimkien ma' miljun ta' dollari. Ġara li s-safe kien regolarizzat b'time lock u kien jinfetaħ biss darba kull filgħodu. Ħaddiema tas-salvataġġ kellhom jaħdmu overtime sakemm irnexxielhom jifqgħu l-bieba tas-safe. Iċ-ċkejkna Daniella Sanchez ta' sentejn u nofs instabet qawwija u sħiħa għalkemm kellha tittieħed l-isptar għal ftit jiem ta' osservazzjoni.

## *Jixxabbat ma' torri għax ried paga ogħla*

Ġurnalista Indjan ixxabbat ma' torri ogħli 100 metru bħala protesta għax ried żieda fil-paga. Hekk kif wasal fil-quċċata tat-torri, li minnu jittrasmettu għadd ta' stazzjonijiet televiżivi fl-Indja, il-ġurnalista, Bhaskar Vohra, hedded li jagħti n-nar lilu nnifsu.

Bhaskar Vohra jaħdem ma' l-istazzjon *All India Radio* u qal li jitħallas biss maż-żewġ liri Maltin kull shift. Wara tliet sigħat u nofs fuq it-torri, Vohra ddeċieda li jinżel u jkompli l-protesta darba oħra.

## *Tfittxija għal sieq ta' l-injam*

Il-ħaddiema tal-*Universal Studio Theme Park* fi Florida qed ifittxu s-sieq ta' l-injam tal-povru Hawley Webb. Dan kien qed fuq *rollercoaster* meta siequ l-leminija, li nzertat ta' l-injam, taret!

Ir-raġel kien qed jipprova r-*ride* ta' *Dueling Dragons* u kien għaddej b'veloċità ta' 55 mil fis-siegħa.

Kelliem għall-*Universal Studios* qal li sieq Webb setgħet spiċċat f'għadira qrib il-park. Uffiċċjali tal-park diġa qabbdu għaddasa biex jinżlu fl-għadira jfittxu sieq Webb imma s'issa ma sabu xejn. Wisq probabbli se jkollhom jixtrulu oħra!



***Marsalforn ... 100 Sena Ilu***

***X'differenza enormi minn Marsalforn tal-lum! X'baqa' mill-għelieqi u mill-għera naturali, bil-ftit djar u l-knisja ta' San Pawl tiddomina, kif jidher f'dan ir-ritratt meħud minn Richard Ellis qrib is-sena 1888? (Bil-kortesija ta' R. Ellis Ltd., Malta)***


Skont ta' 10% fuq kotba mill-isbaħ għat-tfal ...dejjem!
LUMEN CHRISTI BOOKSHOP
Victoria, Gozo - tel. 2156 0496
366 BIBLE STORIES
Classic Enid Blyton Stories
KNOW THE WORLD OF ANIMALS
Birds, Reptiles and Insects
WORLD HISTORY ENCYCLOPEDIA
366 Fairy Tales
SCIENCE EXPERIMENTS
My Big Fun Book of NUMBERS
EUROPE
THE EUROPEAN COMMUNITY and how it works
365 TALBA GHAT-TFAL
Children's WORLD ATLAS
L-BIBBJA GHAT-TFAL
L-ISTORJA TA' ĠESÙ
miktuba għat-tfal
THE ILLUSTRATED FLAG HANDBOOK
FUN ENCYCLOPEDIA
alphabetical order
more than 500 illustrations and photographs
activities and puzzles


DOM
DAVID'S BAKERY CATERERS
Sokkors Street, Kerċem
Tel: 2155 5655, 2155 9000
Mob: 9945 8131